# responsabbiltà • sostenibbiltà • solidarjetà

baġit 2009

**Werrej**

| | Paġna |
|---|---|
| **1. Daħla** | **1** |
| **2. Il-Qagħda Ekonomika u Finanzjarja** | **5** |
| 2.1 Il-Qagħda Ekonomika Internazzjonali | 5 |
| 2.2 Il-Qagħda Ekonomika Maltija | 6 |
| 2.3 Il-Qagħda Finanzjarja Matul l-2008 | 7 |
| 2.4 Il-Qagħda Finanzjarja fl-2009 | 9 |
| 2.5 Strateġija Ekonomika | 14 |
| **3. Inċentivi Ekonomiċi Għal Żvilupp Sostenibbli** | **18** |
| 3.1 Inċentivi Favur l-Intrapriża | 19 |
| 3.2 Servizzi Finanzjarji | 24 |

3.3 Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni 25

3.4 Turiżmu 26

3.5 Lokalitajiet Sostenibbli 29

3.6 Riġenerazzjoni tal-Portijiet 31

3.7 Yacht Marinas 31

3.8 Agrikoltura u Sajd 33

3.9 Xogħol u Taħriġ 34

3.10 Reviżjoni fil-Faxex tat-Taxxa 37

**4. Edukazzjoni ta' Kwalita' għal Uliedna 43**

4.1 L-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja 43

4.2 L-Istrateġija ta' *e-Learning* 44

4.3 Iċ-Ċentri ta' Matul il-Jum għat-tfal 45

4.4 Inkomplu Ninvestu fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla 45

4.5 Sport 47

**5. Ambjent Aħjar – Kwalita' ta' Ħajja Aħjar** **49**

5.1 Il-Bidla fil-Klima 49

5.2 Inċentivi lill-Familji 51

5.3 Inċentivi lill-Industrija 53

5.4 Investimenti Nazzjonali 54

5.5 Ġenerazzjoni Konvenzjonali tal-Enerġija 55

5.6 Nindirizzaw l-Isfida tal-Emissjonijiet 56

5.7 L-Immaniġġjar tal-Iskart 62

5.8 Tisfija tad-Drenaġġ 63

5.9 Emendi fl-Att dwar l-Eko Kontribuzzjoni 64

5.10 L-Ambjent ta' Madwarna 65

**6. Servizzi Soċjali ta' l-Ogħla Kwalita'** **67**

6.1 Il-Benefiċċju ta' l-Enerġija 67

6.2 Persuni li Jirreġistraw għax-Xogħol 68

6.3 Pensjonijiet: Bażi Soda għall-Futur 69

6.4 Persuni b'Diżabilita' 70

6.5 Akkomodazzjoni Soċjali 70

6.6 Ħarsien Soċjali 71

6.7 L-Anzjani 72

6.8 Saħħa Mentali 73

6.9 Is-Settur tas-Saħħa 74

**7. Għawdex 81**

**8. Konklużjoni 84**

**Appendiċi A 87**

**Appendiċi B 93**

**Appendiċi Ċ i**

Mr. Speaker,

Flimkien, nistgħu nirbħu l-isfidi kbar li ġejjin mit-taqlib li għaddejja minnu d-dinja.

Illejla, nixtieq nappella għal sforz ġenwin u qawwi bejn il-forzi politiċi, ekonomiċi u soċjali kollha biex pajjiżna jkompli jirnexxi.

Dan huwa Baġit li jsarraf l-għaqal tal-poplu tagħna li dejjem wera li meta jaħdem flimkien, kapaċi jegħleb kull sfida.

Ma ninsabux f'mument faċli.

Madwarna għaddej maltemp qawwi. Dan il-mument jitlob minna li nagħmlu diversi għażliet responsabbli. Quddiem ir-riefnu li qiegħed jonfoħ, nistgħu niddeċiedu li mmorru għat-triq il-ħafifa, li nkunu pinnur li jdur u jagħqad iżda li ma jasal imkien. Inkella niddeċiedu li naqdfu kontra l-istess mewġ sabiex b'ħila, b'għaqal u b'responsabbiltà nimxu 'l quddiem.

Id-deċiżjonijiet tal-lum se jfissru l-ġejjieni tagħna lkoll. It-tfal tagħna, il-familji tagħna, l-anzjani tagħna, iż-żgħażagħ tagħna, kulħadd, jiddependi minn dawn id-deċiżjonijiet.

Bħala Maltin wettaqna kisbiet kbar matul is-snin. Il-bżulija u r-responsabbiltà tal-familji tagħna, kif ukoll il-viżjoni u l-ħidma tal-Gvern ħallew il-frott. Aħna determinati li nħarsu dan il-ġid u li nsostnuh. Hekk biss inkunu nistgħu nserrħu moħħna li uliedna jgawduh ukoll, jew aħjar li uliedna jkunu aħjar minna.

Mhuwiex l-ewwel darba li qed naffaċċjaw sitwazzjonijiet diffiċli.

Lura fl-1991, hekk kif l-Ewropa bdiet tintlaqat minn riċessjoni, dak in-nhar stajna għażilna li ningħalqu f'qoxritna. Minflok, għażilna li nkomplu ninvestu fl-infrastruttura, li pajjiżna kien tant nieqes minnha. Bnejna l-ajruport, kilometri ta' toroq, skejjel, u tant proġetti oħra.

Meta ġejna biex nissieħbu fl-Unjoni Ewropea kellna wkoll għażliet iebsin. Kellna riformi kruċjali, iżda diffiċli, bħat-tneħħija tal-*levies* u l-ftuħ tas-swieq tagħna għall-kompetizzjoni. L-istorja llum tagħti raġun lill-Gvern għad-direzzjoni li ħa dakinhar.

Sfida oħra importanti affaċċjajna ftit snin ilu meta ddeċidejna li nidħlu fl-ewro. Dak inhar ukoll kellna nagħmlu aġġustamenti diffiċli biex nilħqu l-miri tagħna. Kien hemm min ipprova jaqtalna qalbna, jgħidilna li qed ngħaġġlu wisq u, li konna se ndaħħlu lill-pajjiż fi kriżi. Iżda, flimkien ilħaqna dawn il-miri. Iċ-ċirkostanzi tal-lum juru li kien ikun diżastru li kieku l-Gvern sema' minn dawk li ħeġġewh sabiex jipposponi.

B'għaqal u b'responsabbiltà rnexxielna negħlbu dawn l-isfidi tant importanti fl-istorja riċenti ta' pajjiżna.

Il-Gvern m'għandux dubju li b'dik l-istess responsabbiltà u għaqal se nerġgħu negħlbu d-diffikultajiet ta' llum.

Mr. Speaker,

Il-Gvern irid li pajjiżna jimxi 'l quddiem.

Il-Gvern jemmen li pajjiżna kapaċi jimxi 'l quddiem.

Il-Gvern irid li kull membru tas-soċjetà tagħna jkun jista' jilħaq l-iżvilupp sħiħ tiegħu u tagħha.

Mr. Speaker,

Il-mira ewlenija tal-Gvern hija żvilupp sostenibbli. Il-Gvern jemmen li pajjiżna għad fadallu fejn jiżviluppa, ekonomikament u soċjalment. Din hija l-qalba tal-Viżjoni 2015 tal-Gvern, viżjoni fejn neċċellaw f'oqsma li fihom għandna ħiliet u vantaġġi partikolari.

Ir-risposti tal-lum jinħtieġ li jorbtu mal-Viżjoni tagħna ta' għada, u l-pilastri ewlenin tax-xogħol, edukazzjoni, u ambjent, iridu jibqgħu fil-qalba tal-ħidma tal-Gvern lejn żvilupp sostenibbli. Dan irridu nagħmluh billi naħdmu ħalli l-ġenerazzjonijiet ta' warajna ngħaddulhom soċjetà

- aktar ekwa u ġusta;
- b'ekonomija b'saħħitha;
- ilma, arja u baħar aktar nodfa;
- patrimonju storiku u kulturali ndukrat;
- komunitajiet isbaħ fejn ngħixu;
- kampanja mħarsa u msebbħa;
- poplu b'saħħtu; u
- b'aktar opportunitajiet.

Dan huwa żvilupp sostenibbli.

Smajna, tkellimna, iddiskutejna. Issa wasalna. Il-mument fejn pajjiżna jagħmel l-għażliet.

Biex nilqgħu għall-isfidi li qed naraw is-sena d-dieħla, il-Gvern fassal pjan ekonomiku li jfittex li jistimula l-attività ekonomika, bla ma jipperikola l-ġejjieni tal-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Fit-tfassil ta' dan il-Baġit, użajna tliet testijiet ewlenin: ir-responsabbiltà, is-sostenibbiltà u s-solidarjetà. Qabel kull pass staqsejna tliet mistoqsijiet. L-ewwelnett: X'titlob minna r-responsabbiltà quddiem din il-proposta? It-tieni: Dan il-pass igħaddi l-eżami tas-sostenibbiltà? It-tielet: Qed naħdmu biex kulħadd ikollu futur aħjar, anke dawk li verament għandhom bżonn is-sostenn tagħna?

L-ekonomija ta' pajjiżna, bħal dik tal-pajjiżi żviluppati kollha, trid tgħaddi minn perjodu ta' aġġustament, li mhuwiex perjodu faċli. Iżda, bħala Gvern, irridu nassiguraw li tassew kulħadd jibqa' miexi 'l quddiem.

Irridu nibqgħu naħdmu biex insostnu t-tkabbir ekonomiku mingħajr ma ndgħajfu l-pedamenti soċjali tagħna. Il-valur tas-solidarjetà jrid jiggwida kull deċiżjoni li nieħdu. Irridu naspiraw għal-livell ta' għixien aħjar mingħajr ma nagħmlu ħsara fl-ambjent. U, rridu nużaw bl-aħjar mod ir-riżorsi naturali, ekonomiċi u umani tagħna.

B'hekk biss inkunu qed insawwru żvilupp sostenibbli.

# Il-Qagħda Ekonomika u Finanzjarja

## Il-Qagħda Ekonomika Internazzjonali

Is-sħab ekonomiku li deher fl-ewwel xhur ta' din is-sena, kien diġà ta' preokkupazzjoni għalina, partikolarment minħabba ż-żieda fil-prezz taż-żejt u ta' l-ikel.

Il-kriżi tal-prezz taż-żejt kienet frott tat-tkabbir ekonomiku dinji li kien qed iżid id-domanda għaż-żejt. Waqt li pajjiżna kien qed iweġġa' mill-prezz taż-żejt, kien min-naħa l-oħra qed igawdi mit-tkabbir ekonomiku fid-dinja. Dan kien qed jirriżulta f'aktar investiment u fit-tkattir tax-xogħol.

Illum, is-sitwazzjoni hi radikalment differenti. Dak li qed naraw illum hu frott il-kollass tas-sistema finanzjarja internazzjonali li ġabet magħha waqgħa fis-swieq bla preċedent, nuqqas ta' kreditu għal min irid jinvesti u waqgħa fil-prospetti tat-tkabbir ekonomiku.

Dan it-taqlib, li rranka f'Settembru ta' din is-sena bil-falliment ta' Lehmann Brothers, infirex u kompla jirranka bil-kbir, hedded bis-sħiħ l-istabbiltà tas-sistema finanzjarja dinjija. Pajjiżi b'ekonomiji kbar u b'saħħithom qegħdin f'diffikultajiet kbar. Inkwiet li minkejja li kkalma xi ftit, wara l-interventi tal-Gvernijiet u tal-banek ċentrali, għadu hemm u għadu għaddej.

Illum għandna ħafna ekonomiji li, jew qegħdin jaħdmu b'mod kajman ħafna jew inkella staġnaw għal kollox. Il-Kummissjoni Ewropea, il-Fond Monetarju Internazzjonali u, istituzzjonijiet oħra, irrivedew 'l isfel il-previżjonijiet tat-

tkabbir ekonomiku tal-pajjiżi kollha li magħhom għandna rabtiet kummerċjali.

L-aħħar previżjonijiet ekonomiċi juru li l-ekonomija tas-27 pajjiż fl-Unjoni Ewropea mistennija jikbru b'medja ta' 1.4 fil-mija din is-sena, li jinżel għal 0.6 fil-mija s-sena d-dieħla. It-tkabbir ekonomiku tal-pajjiżi msieħba fiż-Żona Ewro mistenni jkun ta' 1.3 fil-mija din is-sena u ta' 0.2 fil-mija s-sena d-dieħla. L-ekonomiji l-kbar, dik Ġermaniża, Ingliża, Franċiża, Taljana u Spanjola, jew diġà daħlu f'perjodu ta' staġnar ekonomiku sostanzjali, jew mistennija jidħlu f'perjodu fejn l-ekonomija tagħhom tiċkien minflok tikber. F'dan ix-xenarju, il-qgħad fl-ekonomiji ewlenin, u speċjalment f'dawk li aħna għandna rabtiet kummerċjali qawwija magħhom, mistenni jiżdied.

B'riżultat ta' diversi fatturi, u mhux l-anqas tal-istaġnar ekonomiku li qiegħed jinfirex, ir-rankatura fil-prezzijiet ta' ħafna materja prima, tal-ikel u taż-żejt, tidher li trażżnet. Għaldaqstant, l-għoli fil-prezzijiet li laħaq il-quċċata tiegħu din is-sena mistenni jinżel fix-xhur li ġejjin.

### Il-Qagħda Ekonomika Maltija

Din is-sena l-ekonomija ta' pajjiżna mistennija tikber b'medja ta' madwar 3 fil-mija; rata ta' tkabbir tajba ħafna meta mqabbla ma' dik f'pajjiżi oħra u l-medja Ewropea. Għall-2009, qegħdin nistmaw li l-ekonomija Maltija tikber bir-rata ta' madwar 2.4 fil-mija. L-impjiegi *full-time* komplew joktru, b'medja ta' 3.3 fil-mija fl-ewwel sitt xhur meta mqabbla mal-istess perjodu tas-sena l-oħra. Fl-istess perjodu, iż-żieda medja fl-ispiża għall-impjieg żdiedet b'madwar 2 fil-mija;

żieda relattivament baxxa meta mqabbla mal-kompetituri tagħna, u li kompliet għenet sabiex l-ekonomija tagħna ssaħħaħ il-kompetittività tagħha. Fl-istess perjodu, in-numru ta' nies qiegħda baqa' nieżel b'mod regolari tant li f'Settembru ta' din is-sena, in-numru ta' persuni jirreġistraw għax-xogħol niżel għal 5,390, l-anqas livell għal ħafna snin.

Analiżi dettaljata tal-qagħda ekonomika tinsab fl-*Economic Survey* li qed inpoġġi fuq il-mejda tal-kamra.

## Kumpens għall-Għoli tal-Ħajja

L-inflazzjoni laħqet it-3.7 fil-mija f'Settembru. Minħabba l-qagħda ekonomika internazzjonali qegħdin nantiċipaw żidiet aktar kajmani fil-prezzijiet.

Mr. Speaker, iż-Żieda għall-Għoli tal-Ħajja kif maħduma skont ir-rata ta' l-inflazzjoni f'Settembru ta' din is-sena, se tkun tammonta għal €4.08 fil-ġimgħa. Din iż-żieda ma tinkludix l-ammont ta' €2.33 li antiċipajna s-sena li għaddiet. Il-pensjonanti se jirċievu din iż-żieda b'mod sħiħ u bl-istess metodu ta' ħlas kif sar is-sena li għaddiet.

## **Il-Qagħda Finanzjarja Matul l-2008**

Għal din is-sena, il-Gvern kien bassar żbilanċ fil-Fond Konsolidat ta' 68.4 miljun ewro, li jfisser żbilanċ ta' 1.2 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.

Id-dħul tal-Gvern żdied b' 142 miljun ewro, frott it-tkabbir ekonomiku, iż-żieda fl-impjiegi, pagi aħjar, profitti akbar mill-kumpaniji u żvilupp qawwi fil-kummerċ. Irrid infakkar li din is-sena l-poplu Malti u Għawdxi qed igawdi minn

tnaqqis sostanzjali fl-*income tax* li fisser aktar minn 56 miljun ewro fil-bwiet tan-nies.

Bħala infieq, l-ispiża kapitali ma varjatx għajr fuq proġetti li għadhom fil-bidu tagħhom. Kif previst, il-ftuħ ta' l-iSptar Mater Dei, u l-investment marbut mat-tmexxija ta' l-iskejjel, ġabu magħhom żieda sostanzjali fin-nefqa rikurrenti.

Il-pagi żdiedu b'31 miljun ewro meta wieħed jipparaguna ma' l-2007, grazzi għall-kundizzjonijiet dejjem jitjiebu fl-impjiegi pubbliċi.

L-akbar varjazzjoni nsibuha fil-programmi u inizjattivi, fejn insibu li l-pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali u sussidji għal min ikollu bżonn sostenn, bħall-biedja, l-istudenti u servizzi pubbliċi żdiedu b'74 miljun ewro fuq l-2007.

Għall-kontribuzzjonijiet lill-entitajiet pubbliċi, il-Gvern nefaq 9 miljuni aktar mis-sena l-oħra, prinċipalment fil-qasam tas-saħħa sabiex filwaqt li l-iSptar Mater Dei qed iservi biex jiġu indirizzati interventi mediċi, il-konvalexjenza ssir fl-iSptar Karen Grech li qiegħed jikkumplimenta l-iSptar Żammit Clapp.

Minħabba iċ-ċirkostanzi straordinaji li għadda minnhom pajjiżna matul din is-sena, partikolarment il-kriżi tal-prezz taż-żejt, il-Gvern b'responsabbiltà u biex jipproteġi l-qagħda ekonomika u soċjali tal-pajjiż għażel li jgħaddi aktar minn 55 miljun ewro lill-Enemalta f'sussidji. Din l-għajnuna kellha impatt mhux żgħir fuq il-miri li poġġejna quddiemna, tant li żvijjat il-mira tagħna b'1 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross. Ħriġna 56 miljun ewro oħra biex noffru skemi ta' rtirar volontarju lill-ħaddiema tal-*Malta Shipyards Ltd.*

Mingħajr dawn iż-żewġ ċirkostanzi straordinarji, id-deficit għal din is-sena ma kienx ikun ta' 200 miljun ewro imma 90 miljun, jiġifieri 1.8 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross. Id-Dejn Nazzjonali mistenni jkun 62.8 fil-mija ta' dak li jipproduċi l-pajjiż, u b'hekk jibqa' fil-livelli stabbiliti ta' sostenibbiltà.

## Il-Qagħda Finanzjarja fl-2009

Qagħda finanzjarja sostenibbli u tmexxija fiskali għaqlija huma ingredjent essenzjali għal min jinvesti f'pajjiżna. Li pajjiżna jkollu bilanċ pożittiv sa l-2010 f'ċirkostanzi fejn il-previżjonijiet għas-sena d-dieħla jindikaw li pajjiżna jżomm il-livell ta' tkabbir ekonomiku ta' madwar 3.5 fil-mija, kien ikun fundamentali.

Iżda, il-qagħda mwiegħra internazzjonali u l-impatt li din diġà qed ikollha fuq pajjiżna, jesiġu mill-Gvern li juża l-flessibbiltà fiskali li kiseb lura f'dawn l-aħħar snin. Dan il-mument jitlob mill-Gvern li jkollna strateġija ta' investiment li biha nassiguraw żvilupp ekonomiku sostenibbli u li jilqa' u jirrispondi għall-kurrenti li ġejjin minn barra l-pajjiż.

Dan ma jfissirx li min-naħa l-oħra nistgħu nagħmlu deficit kemm irridu. Irrid nenfasizza, Mr. Speaker, li s-serjetà fil-politika finanzjarja tal-pajjiż iġġib l-aħjar investiment lejn pajjiżna. Għalhekk, filwaqt li fiċ-ċirkostanzi hu tajjeb li nirrevedu l-miri tagħna, ma jfissirx li issa kollox għandu jtir mar-riħ.

Fid-dawl tal-qagħda ekonomika internazzjonali, il-Gvern qiegħed jippreżenta pakkett finanzjarju fuq medda ta' tliet snin, li bih nimmiraw li nilħqu bilanċ pożittiv fl-2011, flok fl-

2010. Huwa mistenni li nispiċċaw l-2009 bi żbilanċ ta' 98.8 miljun ewro, jiġifieri 1.6 fil-mija tal-Prodott Domestiku Gross.

Iż-żieda fid-dħul minn taxxi mistennija tkun 117-il miljun ewro, jiġifieri 22 miljun anqas miż-żieda li kellna din is-sena fuq is-sena l-oħra. Dehrilna li l-poplu Malti għandu jiġi relattivament imserraħ milli jerfa' piżijiet fiskali.

Bis-saħħa ta' żieda favorevoli fl-impjiegi u l-pagi, l-introjtu mit-taxxa tad-dħul u l-kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali se jiżdied b'60 miljun ewro u 15-il miljun ewro rispettivament. Bil-mod li nistennew li timxi l-attività ekonomika u kummerċjali fil-pajjiż, nistennew żieda mill-VAT ta' 23 miljun ewro, 16-il miljun minn dazji u sisa, u 4 miljuni minn liċenzji u diversi taxxi oħra. Minn dħul ieħor, il-Gvern se jdaħħal 49 miljun ewro aktar minn din is-sena.

Bħala nefqa rikurrenti, se jkollna żieda ta' 67 miljun ewro fl-ispiża fil-programmi u inizjattivi, pensjonijiet u l-benefiċċji soċjali. Madankollu, in-nefqa rikurrenti sħiħa se tonqos bi 18-il miljun ewro, minħabba li n-nefqa ta' din is-sena kienet tinkludi 111 miljun ewro marbuta mal-iskemi tat-Tarzna u sussidji lill-Korporazzjoni Enemalta, kif diġà spjegajt.

Fil-kamp ta' l-ispiża kapitali, anke grazzi għall-fondi provduti mill-Unjoni Ewropea, l-investiment kapitali, mill-2008 għall-2009, se jitla' għal 348 miljun ewro minn 275 miljun.

F'Tabelli Nru 2.1 sa 2.3 u Appendiċi A, li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija, insibu r-riżultati fid-dettall tal-qagħda fil-Fond Konsolidat għal din is-sena u dettalji tar-riżultati finanzjarji li mistennija jseħħu għas-snin 2009-2011.

## IL-QAGĦDA FISKALI 2007-2008

| | 2007 Attwali | | 2008 Approvat | | 2008 Rivedut | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | €'000 | €'000 | €'000 | €'000 | €'000 | €'000 |
| **Fond Konsolidat** | | | | | | |
| Dħul Totali | | 2,224,461 | | 2,410,818 | | 2,384,565 |
| Dħul minn Taxxi | 1,982,019 | | 2,122,339 | | 2,120,770 | |
| Dħul ieħor | 242,442 | | 288,479 | | 263,795 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 2,075,688 | | 2,150,843 | | 2,309,478 |
| Spiża Rikurrenti | 1,896,636 | | 1,968,453 | | 2,123,081 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | 179,052 | | 182,390 | | 186,397 | |
| Bilanċ Rikurrenti | 148,773 | | 259,975 | | 75,087 | |
| Nefqa Kapitali | | 257,903 | | 328,400 | | 275,197 |
| Nefqa Totali | | 2,333,591 | | 2,479,243 | | 2,584,675 |
| **(Żbilanċ)** | | **(109,130)** | | **(68,425)** | | **(200,110)** |
| **Finanzjament** | | | | | | |
| Ħlas lura dirett ta' Self | 0 | | 0 | | (93,176) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Funds* | (21,214) | | (19,220) | | (19,220) | |
| Investiment (Akkwist ta' *Equity* ) | 0 | | 0 | | (6,500) | |
| Bilanċ mis-*Sinking Funds* ta' Stokk Konvertit | 14,894 | | 32,408 | | 33,350 | |
| Bejgħ ta' Assi | 0 | (6,320) | 0 | 13,188 | 0 | (85,546) |
| Ħtieġa ta' Self | | (115,450) | | (55,237) | | (285,656) |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanċ fl-1 ta' Jannar | (66,522) | | (76,197) | | (55,932) | |
| Self Lokali | 126,040 | 59,518 | 186,350 | 110,153 | 279,526 | 223,594 |
| Bilanċ fil-31 ta' Diċembru | | (55,932) | | 54,916 | | (62,062) |
| Aġġustamenti E.S.A. '95 | | 12,730 | | (1,868) | | 10,510 |
| **(Żbilanċ) tal-Gvern Estiż** | **(96,400)** | | **(70,293)** | | **(189,600)** | |
| **Prodott Gross Domestiku** | **5,415,000** | | | | **5,739,100** | |
| **Żbilanċ bħala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **2.02%** | | | | **3.49%** | |
| **Żbilanċ tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **1.78%** | | | | **3.30%** | |

**IL-QAGĦDA FISKALI 2007 - 2011**

*Ewro '000*

| | 2007 Attwali | | 2008 Rivedut | | 2009 Estimi | | 2010 Estimi | | 2011 Estimi | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Fond Konsolidat** | | | | | | | | | | |
| Dħul Totali | | 2,224,461 | | 2,384,565 | | 2,551,318 | | 2,666,977 | | 2,792,047 |
| Dħul minn Taxxi | 1,982,019 | | 2,120,770 | | 2,238,263 | | 2,360,906 | | 2,482,906 | |
| Dħul Ieħor | 242,442 | | 263,795 | | 313,055 | | 306,071 | | 309,141 | |
| Nefqa Totali Rikurrenti | | 2,075,688 | | 2,309,478 | | 2,302,233 | | 2,347,817 | | 2,396,979 |
| Spiża Rikurrenti | 1,896,636 | | 2,123,081 | | 2,105,929 | | 2,146,972 | | 2,195,092 | |
| Ħlasijiet ta' Imgħax | 179,052 | | 186,397 | | 196,304 | | 200,845 | | 201,887 | |
| Bilanċ Rikurrenti | 148,773 | | 75,087 | | 249,085 | | 319,160 | | 395,068 | |
| Nefqa Kapitali | | 257,903 | | 275,197 | | 347,931 | | 344,605 | | 329,765 |
| Nefqa Totali | | 2,333,591 | | 2,584,675 | | 2,650,164 | | 2,692,422 | | 2,726,744 |
| **(Żbilanċ) / Bilanċ** | | **(109,130)** | | **(200,110)** | | **(98,846)** | | **(25,445)** | | **65,303** |
| Finanzjament | | | | | | | | | | |
| Ħlas lura dirett ta' Self | 0 | | (93,176) | | (208,162) | | (191,113) | | (128,408) | |
| Kontribuzzjonijiet għas-*Sinking Funds* | (21,214) | | (19,220) | | (17,162) | | (18,600) | | (18,200) | |
| Akkwist ta' *Equity* | 0 | | (6,500) | | (100) | | (100) | | (100) | |
| Bilanċ mis-*Sinking Funds* ta' Stokk Konvertit | 14,894 | | 33,350 | | 0 | | 0 | | 8,500 | |
| Bejgħ ta' Assi | 0 | (6,320) | 0 | (85,546) | 0 | (225,424) | 0 | (209,813) | 0 | (138,208) |
| Ħtieġa ta' Self | | (115,450) | | (285,656) | | (324,270) | | (235,258) | | (72,905) |
| Self Barrani | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 | | 0 |
| Bilanċ fl-1 ta' Jannar | (66,522) | | (55,932) | | (62,062) | | 113,668 | | 178,410 | |
| Self Lokali | 126,040 | 59,518 | 279,526 | 223,594 | 500,000 | 437,938 | 300,000 | 413,668 | 150,000 | 328,410 |
| Bilanċ fil-31 ta' Diċembru | | (55,932) | | (62,062) | | 113,668 | | 178,410 | | 255,505 |
| **Aġġustamenti E.S.A. '95*** | | **12,730** | | **10,510** | | **10,756** | | **9,156** | | **12,474** |
| **(Żbilanċ) / Bilanċ tal-Gvern Estiż** | **(96,400)** | | **(189,600)** | | **(88,090)** | | **(16,289)** | | **77,777** | |
| **Prodott Gross Domestiku** | **5,415,000** | | **5,739,100** | | **5,990,200** | | **6,263,800** | | **6,541,500** | |
| **(Żbilanċ) / Bilanċ Strutturali bħala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **-2.02%** | | **-3.49%** | | **-1.65%** | | **-0.41%** | | **1.00%** | |
| **(Żbilanċ) / Bilanċ tal-Gvern Estiż bħala % tal-Prodott Gross Domestiku** | **-1.78%** | | **-3.30%** | | **-1.47%** | | **-0.26%** | | **1.19%** | |

*Eskluż l-effett possibbli tal-*Malta Shipyards Ltd*

*Tabella Nru 2.3*

**IL-BILANĊ TAD-DEJN TAL-GVERN**

*Ewro'000*

| | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|
| *Stocks* tal-Gvern | 2,761,371 | 2,962,471 | 3,254,307 | 3,363,194 | 3,384,786 |
| *Bills* tat-Teżor | 346,319 | 346,355 | 170,579 | 105,836 | 29,141 |
| Self tal-*Ex-MDD* | 57,033 | 56,880 | 56,880 | 56,880 | 56,880 |
| Self minn Barra | 121,241 | 113,946 | 100,565 | 93,743 | 86,920 |
| EBU's / Kunsilli Lokali | 82,264 | 95,765 | 95,765 | 95,765 | 95,765 |
| Munita | 0 | 29,574 | 29,574 | 29,574 | 29,574 |
| **Dejn tal-Gvern Estiż *** | **3,368,228** | **3,604,991** | **3,707,670** | **3,744,992** | **3,683,066** |
| *Prodott Domestiku Gross* | ***5,415,000*** | ***5,739,100*** | ***5,990,200*** | ***6,263,800*** | ***6,541,500*** |
| **Dejn bħala % tal-Prodott Domestiku Gross** | **62.20%** | **62.81%** | **61.90%** | **59.79%** | **56.30%** |

* Eskluż l-effett possibbli tal-*Malta Shipyards Ltd*

## Strateġija Ekonomika

Il-qagħda ekonomika internazzjonali hija fraġli. Għalkemm l-ekonomija Maltija għadha qiegħda toħloq ix-xogħol, nafu bir-riskji kbar li hemm. Jekk ma noqogħdux attenti ħafna, dak li għaddej barra jista' jolqotna wkoll.

Il-Gvern jaf fejn irid jasal.

Wellidna l-Viżjoni 2015 sabiex, fil-qafas tal-istrateġija għall-iżvilupp sostenibbli li fassalna għal pajjiżna, inkomplu niddiversifikaw u nsaħħu l-bażi ekonomika tagħna u nikkontribwixxu għat-twettieq tat-tamiet tal-poplu tagħna. Fassalna programm ta' ħidma għad-diversi oqsma tal-ħajja, li jkompli jibni fuq dak li nkiseb fil-passat u jsaħħaħ il-vantaġġi li jgawdi pajjiżna fis-swieq internazzjonali. Irridu noħolqu ambjent tajjeb sabiex kull min irid jinvesti f'pajjiżna jagħmel dan b'moħħ mistrieħ. B'hekk, jinħoloq u jkompli jikber il-ġid.

Il-Gvern jemmen fl-ekonomija tas-suq b'regolamentazzjoni xierqa u ġusta. Irridu niżguraw swieq ħielsa u ġusti, kemm għall-operaturi ekonomiċi kif ukoll għall-konsumaturi. Għal dan il-għan, il-Gvern qed isaħħaħ l-istituzzjonijiet li jassiguraw kemm il-kompetizzjoni ġusta fis-swieq kif ukoll il-ħarsien tal-konsumatur. Fuq kollox, il-Gvern se jħarrax il-ġlieda tiegħu kontra kull tip ta' evażjoni fiskali u prattiċi oħra abbużivi fis-suq. Dawn jolqtu ħażin lill-intrapriżi serji u jherru l-interess tal-konsumatur. Fl-istess ħin, dawn il-prattiċi jimminaw il-ħidma u l-finanzi tal-Gvern u jitfgħu piż itqal u nġust fuq il-ħaddiema u l-intrapriżi onesti. Għaldaqstant niddikkjara li f'din il-ħidma m'aħniex se nagħmlu kompromessi.

Mr. Speaker, irridu nkomplu nsostnu l-istabbiltà makro-ekonomika ta' pajjiżna. Se nkomplu nisħqu fuq aktar produttività u kompetittività. Se nkomplu nirsistu sabiex indaħħlu aktar effiċjenza u kontabilità, speċjalment f'dawk l-oqsma li huma ffinanzjati minn fondi pubbliċi. Irridu nkomplu ninċentivaw u nippremjaw ix-xogħol, il-bżulija, l-intrapriża u l-kreattività tal-poplu tagħna. B'hekk biss inkomplu ntejbu l-kwalità ta' ħajja li ngawdu u nassiguraw futur tajjeb għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

Mr. Speaker, se nkomplu bil-politika tagħna ta' liberalizzazzjoni b'risq il-konsumaturi tas-setturi li għadhom joperaw f'ambjent restrittiv. Għalhekk varajna l-Viżjoni għat-Trasport Pubbliku. Se nkomplu bil-proċess ta' privatizzazzjoni ta' dawk l-entitajiet li mhumiex strateġiċi għal pajjiżna u li jistgħu jitmexxew ħafna aħjar mill-privat. Bi ħsiebna ntemmu l-proċess ta' privatizzazzjoni tat-tarzna u tal-*Petroleum Division* tal-Enemalta, u nvaraw il-proċess ta' privatizzazzjoni tal-*yacht marinas*.

Din il-politika għandha twassal għal aktar kompetizzjoni fis-suq, aktar effiċjenza u titjib fis-servizzi għall-konsumatur. Irridu nkomplu nneħħu dawk is-sussidji li mhumiex ġustifikati u li qed iservu ta' piż żejjed fuq min jaħdem u jħallas it-taxxi.

Iċ-ċirkostanzi tal-lum jitolbu minna viżjoni u kuraġġ sabiex nilqgħu għall-mewġ ekonomiku li qed jaħkem kullimkien u li jista' jolqot lilna wkoll. Permezz ta' dan il-Baġit, irridu nagħtu sinjal ta' kuraġġ lil kulħadd u nkomplu ntejbu d-difiża tagħna kontra l-maltemp ekonomiku internazzjonali. Se ninvestu bil-kbir fl-oqsma produttivi ta' pajjiżna, u fil-poplu

tagħna, sabiex b'kuraġġ inkomplu nħarsu 'l quddiem, u nkomplu nibnu lil pajjiżna fuq sisien sodi.

Nagħrfu ċ-ċirkostanzi partikolari ta' pajjiżna. Fl-ekonomija miftuħa tagħna, mhux kull investiment iħalli impatt ġewwa Malta. L-investiment tagħna jrid ikun investiment responsabbli b'risq l-iżvilupp sostennibbli ta' pajjiżna.

Għalhekk, permezz ta' dan il-Baġit se ninvestu bil-kbir f'sitt oqsma importanti:

1. 124 miljun ewro f'xogħlijiet infrastrutturali li huma strumentali għat-tkabbir ekonomiku u soċjali, inkluż bini ta' toroq, fabbriki, skejjel u faċilitajiet oħra;

2. 61 miljun ewro f'investiment qawwi fi proġetti ambjentali;

3. 58 miljun ewro fi programm sabiex inkomplu ntejbu l-ħiliet tal-poplu tagħna. Din in-nefqa ma tinkludix l-infieq fuq is-sistema edukattiva ta' pajjiżna;

4. 30 miljun ewro f'sensiela ta' proġetti ta' enerġija alternattiva, u oħrajn, li mistennija jtejbu l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija;

5. 47 miljun ewro f'inċentivi b'risq l-intrapriżi tagħna, dawk żgħar u medji, u d-diversi oqsma ekonomiċi tagħna, inkluż it-turiżmu; u

6. Sensiela ta' miżuri oħra sabiex ninċentivaw ix-xogħol, u sabiex niġbdu lejn xtutna t-talent kollu li għandna

bżonn sabiex insostnu u nkabbru d-diversi oqsma ekonomiċi tagħna.

Mr. Speaker, dan huwa pakkett ta' investiment speċjali li jlaħħaq aktar minn 320 miljun ewro. Daqshekk qegħdin ninvestu fl-ekonomija, Mr. Speaker.

Fi żminijiet bħal dawn irridu nagħmlu l-kuraġġ u nkomplu ninvestu sabiex inkattru l-ġid u noħolqu x-xogħol għall-poplu tagħna. Aħna lkoll għamilna pajjiż suċċess. Bil-għaqal, b'kuraġġ u bil-ħidma tagħna lkoll m'hemm l-ebda raġuni għaliex m'għandniex inkomplu nsostnu u nkabbru dan is-suċċess.

Mr. Speaker,

Nemmnu fil-potenzjal kbir tal-poplu tagħna. Irridu nagħmlu dan l-investiment kollu fil-kapaċità produttiva ta' pajjiżna b'għaqal u responsabbiltà favur żvilupp sostenibbli.

Hekk jistħoqlu pajjiżna u dan hu li se niksbu għall-poplu tagħna.

## Inċentivi Ekonomiċi għal Żvilupp Sostenibbli

L-iżvilupp ekonomiku huwa kontributur ewlieni lejn l-iżvilupp sostenibbli. B'hekk, pajjiżna jista' jibqa' jsostni l-edukazzjoni, is-saħħa, is-servizzi soċjali u l-investiment meħtieġ għal ambjent aħjar.

Il-ħolqien tax-xogħol huwa mira ewlenija tal-Gvern. Ix-xogħol huwa ċ-ċavetta għal kwalità ta' ħajja tajba, filwaqt li jagħti għixien u dinjità lill-ħaddiema u lill-familji tagħhom.

Bħala parti mill-pjan ekonomiku biex nirrispondu għar-realtajiet li l-ekonomija u l-industrija ta' pajjiżna se taffaċċja matul 2009, u bil-għan li nkomplu nsostnu l-klima favur il-ħolqien tax-xogħol, il-Gvern qed iħabbar pakkett ta' inizjattivi bil-għan:

- Li nagħtu appoġġ lill-intrapriżi lokali, kif ukoll dawk li nattiraw minn barra pajjiżna;
- Li ninċentivaw aktar r-riċerka u l-innovazzjoni;
- Li nidentifikaw swieq ġodda; u
- Li nkomplu niżviluppaw iż-żoni industrijali ta' pajjiżna.

Il-Gvern se jkompli f'din it-triq u se joffri inċentivi ġodda bil-għan li l-industrija f'pajjiżna tkompli tespandi u nħajruha tinvesti aktar f'attivitajiet ta' riċerka, żvilupp u innovazzjoni.

## Inċentivi favur l-Intrapriża

Matul din is-sena, il-Malta Enterprise approvat 29 proġett industrijali ġdid u ta' espansjoni li 15 minnhom ġejjin minn investiment barrani u madwar 10 miljun ewro ġew investiti f'għajnuna finanzjarja lill-industrija taħt diversi skemi u inċentivi. Dawn jinkludu krediti ta' taxxa fuq l-investiment u skema ta' riġenerazzjoni għal Għawdex, skemi għal *start-ups* innovattivi, *Exploratory Award* biex jgħin kumpaniji japplikaw għal proġetti ta' l-Unjoni Ewropea, *SME Development Grants,* u għajnuna għall-parteċipazzjoni f'fieri u *trade missions*.

Se nniedu ħames skemi ġodda permezz tal-Malta Enterprise, b'investiment ta' 20 miljun ewro fuq medda ta' ħames snin biex nilħqu dawn l-għanijiet:

- *International Competitiveness*, b'investiment ta' 2.5 miljun ewro, għal żvilupp ta' inizjattivi biex nippenetraw swieq ġodda;

- *Grants* għar-Riċerka u l-iŻvilupp, b'investiment ta' 3.5 miljun ewro, biex inżidu l-investiment ta' l-industrija f'riċerka u żvilupp;

- *Innov Act*, b'investiment ta' 9 miljun ewro, biex ngħinu kumpaniji żgħar u ta' daqs medju fl-iżvilupp ta' proċessi, prodotti u servizzi innovattivi;

- *Small Start-Up Scheme*, b'investiment ta' 2.5 miljun ewro, biex ngħinu kumpaniji innovattivi li għadhom jibdew; u

- *E-business Development Grant Scheme*, b'investiment ta' 2.5 miljun ewro, biex ninċentivaw aktar l-użu tat-teknologija ta' l-informatika fl-operat ta' l-azjendi.

## Il-Kordin *Business Incubation Centre*

Barra l-iskema tal-istart-ups, se nespandu wkoll il-faċilitajiet li fihom intrapriżi ġodda u innovattivi jistgħu jibdew l-operazzjoni tagħhom.

Il-*Business Incubation Centre* f'Kordin qed jilqa' fih 32 kumpanija, u mistenni li jirdoppja l-ispazju b'investiment ta' 2.8 miljun ewro. B'hekk, issa se nkunu qed nirduppjaw il-potenzjal ta' ħolqien ta' negozji ġodda.

## Riċerka u Innovazzjoni - *BioTechnology Park*

Se nniedu investiment ta' madwar 15-il miljun ewro għat-twaqqif ta' *Bio Technology Park* fiż-żona industrijali ta' San Ġwann bħala parti mill-istrateġija tal-Gvern biex inkabbru r-riċerka u l-innovazzjoni f'pajjiżna. Dan minbarra il-*grants* għar-riċerka u l-iżvilupp li se toffri l-Malta Enterprise b'valur ta' 3.5 miljun ewro.

Dan iċ-Ċentru ta' riċerka u żvilupp, b'madwar 100,000 metru kwadru ta' spazju, se jgħin biex inġibu lejn pajjiżna attività ta' riċerka.

## Żoni Industrijali

Matul is-snin li ġejjin se ninvestu mal-20 miljun ewro oħra f'*upgrading* ta' żoni industrijali ta' pajjiżna bl-ewwel proġett li għandu jibda fl-2009 ikopri ż-żona ta' Ħal Far b'valur ta' 6.5

miljun ewro. Fuq medda ta' erba' snin se jiġu mtejba ż-żoni industrijali ta' Bulebel, Mosta, Xewkija u Kordin. Se nkunu qed naraw ukoll l-iżvilupp ta' żewġ *Micro Enterprises Parks*, wieħed ġewwa l-Mellieħa u l-ieħor ġewwa x-Xewkija, f'Għawdex.

Għad hemm ħafna xi jsir fir-rigward taż-żoni industrijali. Se tiġi investigata wkoll il-parteċipazzjoni tas-settur privat fit-tmexxija u ż-żamma taż-żoni industrijali.

Nifhmu li hawn min irid ikabbar l-operat tiegħu u li m'għandux post fejn. L-aspettattivi fuq l-għoti ta' art industrijali mill-Gvern kibru u mhux dejjem huwa possibbli li jinqeda kulħadd għax l-art hija limitata. Irridu nagħmlu l-aħjar użu miż-żoni industrijali. Għaldaqstant, il-Malta Enterprise se tfassal skema matul is-sena li ġejja, biex nappoġġjaw intrapriżi li, għalkemm mhux fl-oqsma ta' prijorità skont il-*policies* tal-Malta Enterprise, jistgħu xorta jkollhom potenzjal ta' postijiet tax-xogħol.

## Appoġġ lill-Intrapriżi biex issib Swieq Ġodda

Qed isir xogħol siewi biex niġbdu investiment ta' valur miżjud għoli f'setturi industrijali u servizzi lejn pajjiżna. Din is-sena biss, aktar minn 80 delegazzjoni minn kumpaniji barranin żaru pajjiżna.

Waqt li d-domanda internazzjonali hi prevista li tonqos minħabba l-problemi li l-ekonomija dinjija qed tgħaddi minnhom, is-swieq huma kbar għall-proporzjon ta' pajjiżna u għaldaqstant jinħtieġ nagħtu appoġġ lill-intrapriża lokali biex issib swieq ġodda. Biex tikkumplimenta l-iskema tal-*International Competitiveness to Establish New Markets* bl-

allokazzjoni ta' 2.5 miljun ewro, il-Malta Enterprise se talloka 500,000 ewro biex iżżid *trade missions* fejn imprendituri Maltin jistgħu jidentifikaw swieq ġodda.

## Sostenn għall-Intrapriża Privata

Il-Gvern jemmen li l-intrapriża privata hija l-mutur ewlieni ta' l-ekonomija. Jeħtieġ inkomplu nagħmlu dak kollu li hemm bżonn sabiex l-intrapriżi tagħna jaħdmu mingħajr xkiel żejjed. Min-naħa l-oħra jeħtieġ ikollna qafas regolatorju sod li jassigura ekwilibriju ġust fis-suq kemm għall-intrapriżi tagħna kif ukoll għall-konsumatur. Poġġejna l-mira li nnaqqsu 15 fil-mija tal-piż regolatorju sal-aħħar tal-2010.

Sabiex inkomplu ntejbu l-qafas u l-ambjent li fih iridu jaħdmu l-intrapriżi tagħna, il-Gvern se jieħu dawn il-passi:

1. Tħejjija ta' l-*iSmall Business Act*, sabiex jitħaffef l-ambjent regolatorju fuq l-intrapriżi ż-żgħar u jissaħħaħ l-ambjent intraprenditorjali li fih dawn joperaw;

2. Jiddaħħlu l-*General Accounting Principles for Small Enterprises*, sabiex jitħaffef il-piż żejjed li qiegħed jintefa' fuq dawn l-intrapriżi permezz ta' l-*International Financial Reporting Standards*;

3. Jitħaffef ix-xogħol sabiex titwaqqaf entità waħda minn fejn tingħata l-għajnuna kollha u servizzi marbutin ma' l-intrapriżi tagħna;

4. Inwaqqfu Grupp ta' Riċerka dwar l-Intrapriża bil-għan li jgħin u jsostni l-iżvilupp tal-politika u l-ħidma tal-Gvern favur l-intrapriża;

5. Titwaqqaf Kummissjoni sabiex tistħarreġ l-ispejjeż żejda li s-settur pubbliku qed jgħaddi fuq in-negozji tagħna;

6. Jissaħħu l-istrutturi ta' nfurzar fis-suq tagħna sabiex, filwaqt li ngħinu lil min irid imexxi n-negozju tiegħu b'mod serju, nikkumbattu b'aktar saħħa u effiċjenza l-prattiċi illegali li jimminaw lill-intrapriżi serji u allura l-impjiegi kif ukoll id-drittijiet tal-konsumaturi tagħna;

7. Titwaqqaf taqsima magħrufa bħala *Design Malta* bl-iskop li tgħin u ssostni dawk l-inizjattivi kollha li qegħdin jittieħdu sabiex tinkoraġġixxi l-iżvilupp u l-kreattività tad-disinn f'Malta;

8. Nistħarrġu l-mezzi kif il-moviment koperattiv f'pajjiżna jista' isaħħaħ, inkluż fis-settur pubbliku, permezz ta' Kummissjoni li se titwaqqaf u tintalab tirraporta lura lill-Gvern sal-aħħar ta' Ġunju 2009; u

9. Jissaħħaħ id-Dipartiment għall-Kompetizzjoni Ġusta sabiex inkomplu nassiguraw swieq ħielsa, ibbilanċjati u trasparenti b'risq in-negozji u l-konsumaturi tagħna.

### Reviżjoni fis-Sistema ta' Penali u Interessi

Il-Gvern jemmen li wasal iż-żmien li nirrevedu s-sistemi tal-penali u interessi relatati mal-*income tax* u l-VAT. Irridu niżguraw li l-penali jkunu jikkorrispondu mal-gravità ta' l-offiża. F'ċerti każijiet, inqisu li l-penali huma qawwija żżejjed.

Għaldaqstant, se nintroduċu rati ġodda ta' penali, bil-għan li ninkoraġġixxu sottomissjoni f'waqtha, kompluta u preċiża, flimkien mal-ħlas f'waqtu.

Se nirrevedu wkoll ir-rata ta' l-imgħax fuq it-taxxa li ma titħallasx fil-ħin. L-imgħax mhux intiż bħala penali addizzjonali, u jidhrilna li m'għandhiex tiġi imposta rata punittiva. Mill-ewwel ta' Jannar, ir-rata se tonqos għal 0.75 fil-mija fix-xahar, jiġifieri minn 12 fil-mija għal 9 fil-mija fis-sena.

Il-poteri tal-Kummissarju biex inaqqas il-penali se jintużaw biss f'każijiet ġenwini. Dawk li jqarrqu huma esposti mhux biss għal penali amministrattivi, iżda wkoll għal proċeduri kriminali.

Irridu wkoll nassiguraw li ma nħallu 'l ħadd juża l-finanzi dovuti lill-Gvern biex jiffinanzja l-attività ekonomika tiegħu.

## Servizzi Finanzjarji

L-industrija tas-servizzi finanzjarji tibqa' simbolu tas-suċċess li qed tikseb l-ekonomija tagħna. Din l-industrija qed iżżid il-kontribut tagħha għat-tkabbir ekonomiku, kif ukoll ir-rata ta' l-impjiegi, f'sitwazzjoni internazzjonali tassew delikata.

Sa Settembru, nħarġu 38 liċenzja ġdida lill-istituzzjonijiet finanzjarji u tal-kreditu, 134 *trust* u 96 *authorised trustees*, 28 kumpanija marbuta mal-assigurazzjoni, 647 *manager* tal-assigurazzjoni, *brokers*, aġenti u intermedjarji, 84 amministratur tal-fondi u servizzi ta' investiment, u 387 skemi ta' investiment kollettiv.

L-iżviluppi fil-qasam finanzjarju dinji segwejnihom u għadna nsegwuhom mill-qrib. Flimkien mal-Bank Ċentrali u l-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji, tkellimna mal-banek kollha li joperaw f'pajjiżna. Assigurajna ruħna li l-qasam finanzjarju ta' pajjiżna kien, u għadu, sod.

Se nagħtu wkoll attenzjoni speċjali lill-Borża ta' Malta biex tieħu rwol aktar importanti fis-swieq Ewropej. Biex dan iseħħ, irridu niżguraw il-possibbiltà ta' *strategic partnership* biex jagħti l-possibbiltà lill-Borża ta' Malta tintegra aktar mas-swieq Ewropej.

### Teknoloġija ta' l-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

Il-proġetti li nieda l-Gvern sabiex jipprovdi aċċess għall-internet, u sabiex jinkisbu kompjuters personali bi prezz irħis, għinu ħafna biex tintuża aktar it-teknoloġija. Permezz ta' l-investiment f'*submarine cable links*, matul is-sena li ġejja, aktar SMEs għandhom ikunu f'pozizzjoni jisfruttaw din it-teknoloġija biex imexxu n-negozju tagħhom b'aktar effiċjenza.

Matul is-sena d-dieħla wkoll, il-Gvern se jħabbar il-pjanijiet tiegħu għall-*fibre-to-homes* – infrastuttura moderna li żżid is-servizzi b'aktar effiċjenza f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-komunikazzjoni.

#### SmartCity

Din is-sena, tnediet uffiċċjalment SmartCity Malta għas-suq lokali u internazzjonali. Il-Gvern hu infurmat li hemm għadd ta' klijenti prospettivi li l-kumpanija diġà bdiet tinnegozja

magħhom u dan jawgura tajjeb ħafna għall-fażijiet inizjali tal-proġett.

## Dokumenti ta' l-Identità Personali

Il-Gvern kompla jiffoka fl-iżvilupp ta' strutturi aħjar u aktar wiesa biex bihom l-identità ta' l-individwu tiġi miżmuma u mmaniġjata aħjar. L-introduzzjoni ta' passaporti elettroniċi, b'investiment kapitali ta' madwar 12-il miljun ewro, hija xhieda ta' dan.

Matul is-sena li ġejja se nintroduċu karti ta' l-identità elettroniċi, biex b'hekk kull ċittadin Malti jkollu aċċess u kontroll fuq l-informazjoni miżmuma fuqu u fuq min jista' jużaha.

## **Turiżmu**

Fl-ewwel disa' xhur ta' din is-sena, in-numru ta' turisti żdied bi kważi 76,000, jiġifieri żieda ta' 7.8 fil-mija. In-numru ta' passiġġieri li żaru pajjiżna fl-ewwel disa' xhur fuq *cruise liners* żdied ukoll bi kważi 56,000, żieda ta' 15.2 fil-mija, għal total ta' aktar minn 426,000. L-infieq mit-turisti huwa stmat li qorob it-855 miljun ewro. Dan jikkompara tajjeb mal-2007, fejn ir-riżultati miksuba kienu diġà rekord.

Fiċ-ċirkustanzi li qed tgħaddi minnhom id-dinja ma nistgħux la nistrieħu fuq dak li ksibna u wisq anqas li naħsbu li mhemmx bżonn li nżidu l-isforzi tagħna. It-turiżmu huwa pilastru ewlieni fl-ekonomija tagħna u jinħtieġ li nżommuh tali.

Biex insostnu dan is-settur, se nkomplu ninvestu bis-sħiħ fir-reklamar ta' pajjiżna u l-introduzzjoni ta' aktar rotot ġodda li jwessgħu l-potenzjal li pajjiżna jattira aktar turisti. Għaldaqstant, se nżidu l-allokazzjoni lill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu għal 26 miljun ewro, żieda ta' miljun u nofs fuq is-sena li għaddiet. Barra minnhekk, se nagħmlu allokazzjoni speċjali għall-2009 ta' żewġ miljun ewro minħabba ċ-ċirkostanzi aktar diffiċli li qed naraw quddiemna u li jinħtieġu risposta immedjata. Dan ifisser li se nżidu l-vot tal-Awtorità tat-Turiżmu b'3.5 miljun ewro.

Il-Gvern se jinvesti wkoll sostanzjalment fil-prodott ta' pajjiżna. B'risq il-prodott ta' pajjiżna l-Gvern alloka 120 miljun ewro fi proġetti kapitali, għall-erba' snin li ġejjin. Dan minbarra skemi ta' għotjiet lill-intrapriżi bil-għan li l-prodott turistiku tagħna jkompli jitjieb u jissaħħaħ. Fix-xhur li ġejjin se jibdew numru ta' xogħlijiet f'diversi żoni turistiċi u bajjiet f'Malta u Għawdex, fosthom il-*visitor attraction* fil-Qawra, ix-xogħol ta' tisbiħ f'San Pawl il-Baħar u l-Qawra u l-*upgrading* tax-xtajta f'tas-Sliema, kif ukoll il-bajjiet ta' madwar Malta u Għawdex.

F'dawn l–aħħar snin, Heritage Malta wettqet proġett li jħares it-tempji preistoriċi ta' l-Imnajdra u Ħaġar Qim. Fi ftit ġimgħat oħra se jintemm ix-xogħol biex jitgħattew dawn iż-żewġ tempji storiċi. Huwa importanti li nkomplu nħarsu l-wirt storiku u li ntejbu l-kwalità ta' dawn is-siti sabiex jitgawdew mill-poplu tagħna kif ukoll itejbu l-esperjenza tat-turisti li jiġu jżuruna. Minbarra dawn il-proġetti, se nibdew tliet proġetti oħra b'investiment ta' 9.5 miljun ewro fuq it-tempji preistoriċi oħra f'Ħal Tarxien, il-Ġgantija u l-Katakombi ta' San Pawl ġewwa r-Rabat.

Is-swar li għandna f'Malta u Għawdex jirrapreżentaw wieħed mill-ifjen kollezzjonijiet ta' arkitettura militari madwar id-dinja. Se nirrestawraw is-swar tal-Belt Valletta, tal-Birgu, ta' l-Imdina, u dawk taċ-Ċittadella f'Għawdex. Bejniethom, dawn l-erba' proġetti se jinvolvu restawr ta' madwar 135,000 metru kwadru ta' swar fuq tul ta' madwar 6 kilometri ta' fortifikazzjonijiet, b'nefqa ta' 36 miljun ewro mifruxa fuq 7 snin. Bħalissa, għaddej xogħol importanti biex tiġi konsolidata l-bażi u restawrati partijiet mis-swar ta' l-Imdina.

F'dak li jirrigwardja l-qasam tat-tagħlim ta' l-istudenti barranin f'pajjiżna, wieħed jinnota li dan qed jikber, u li huwa konformi mal-viżjoni tal-Gvern li jagħmel minn Malta ċentru ta' eċċellenza fil-qasam edukattiv. Sabiex inkomplu ninċentivaw lill-familji tagħna jospitaw aktar studenti se ngħollu l-ammont tad-dħul mhux taxxabbli minn din l-attività għal 3,500 ewro.

## Kontribuzzjoni għal Kull Lejl f'Akkomodazzjoni Kollettiva u Privata Mħallsa

Il-Gvern qiegħed jinvesti sostanzjalment fis-settur turistiku. Qed inħallsu bejn 15 u 25 ewro għal kull turist li jiġi bil-linji *low cost*, u skemi ta' appoġġ lit-*tour operators*. Wieħed irid ifakkar ukoll li mill-1 ta' Novembru tneħħiet id-*departure tax* fuq vjaġġi bl-ajru jew bil-baħar, li kienet iddaħħlet fl-1997, u l-Gvern qed iżomm r-rata ta' VAT għall-akkomodazzjoni ta' 5 fil-mija.

Madwar 1.2 miljun turist iqattgħu 9.5 miljun lejl f'pajjiżna, jiġifieri b'popolazzjoni ta' madwar 400,000 resident, in-numru ta' turisti f'sena jlaħħaq madwar tliet darbiet in-

numru ta' residenti Maltin. Il-Gvern jagħraf li t-turiżmu hu settur li jagħti kontribut siewi ħafna lill-ekonomija Maltija, iżda jqis ukoll li n-numru ta' turisti jżid sewwa l-pressjoni fuq l-infrastruttura u s-servizzi.

Għalhekk, sabiex nassiguraw li l-Gvern jibqa' f'pożizzjoni li jsostni dan is-settur, il-Gvern se jintroduċi kontribuzzjoni ta' ħamsin ċentezmu (€0.50) għal kull lejl li persuna tqatta' f'akkomodazzjoni kollettiva u privata mħallsa. Minħabba ċ-ċirkostanzi xejn faċli li qed nistennew fl-2009, il-Gvern se jintroduċi din il-kontribuzzjoni mill-1 ta' Jannar tal-2010. Il-Gvern qed jistma li jibda jiġbor ħames miljun ewro minn din il-miżura.

## Lokalitajiet Sostenibbli

Qed nagħrfu aktar ir-rabta bejn l-istrateġiji għall-iżvilupp ta' pajjiżna u l-iżvilupp sostenibbli tal-lokalitajiet tagħna.

Is-sena li għaddiet ftaħna d-diskussjoni dwar l-iżvilupp sostenibbli tal-ibliet u l-irħula tagħna. Din is-sena wessajna d-diskussjoni u nedejna l-proċess li għandu jwassal għar-riforma fil-Kunsilli Lokali.

Matul is-sena li ġejja se nieħdu dawn l-inizjattivi:

1. Żieda fl-appoġġ finanzjarju tagħna lill-Kunsilli Lokali b'erba' miljun ewro;

2. Skema ta' inċentivi għal aktar investiment mill-intrapriżi ż-żgħar fil-lokalitajiet tagħna. Min jinvesti minimu ta' 10,000 ewro fin-negozju tiegħu, se jingħata kreditu mill-*income tax* għal sentejn;

3. Se nniedu skema speċjali ta' darba għar-restawr tal-faċċati ta' binjiet residenzjali li nbnew qabel l-1950, bi preferenza għal dawk skedati, fil-qalba ta' l-ibliet u l-irħula tagħna. Se nagħtu għajnuna ta' 30 fil-mija tan-nefqa totali tar-restawr, sa massimu ta' 2,500 ewro. Qed nallokaw is-somma ta' 2 miljun ewro għal din l-iskema, li mistennija tkopri ir-restawr ta' madwar 700 binja madwar Malta u Għawdex;

4. Żewġ proġetti pilota għat-tfassil ta' strateġiji ta' żvilupp sostenibbli fuq livell lokali. Għal dan il-għan qegħdin nivvotaw is-somma to 50,000 ewro;

5. *Local Council Green Challenge Award,* b'vot ta' 100,000 ewro, li se jingħata lil dawk il-Kunsilli Lokali li jkunu ħadu inizjattivi sabiex itejbu l-ambjent lokali;

6. *Local Council Enterprise Support Award Scheme,* b'vot ta' 100,000 ewro għal dawk il-Kunsilli Lokali li jieħdu inizjattivi sabiex jgħinu u jinċentivaw lin-negozji fil-lokalità tagħhom;

7. Flimkien mal-Awtoritajiet kompetenti se jiġu inċentivati servizzi ta' akkomodazzjoni kollettiva fil-lokalitajiet; u

8. Skema fejn l-għaqdiet volontarji fil-lokalitajiet jingħataw lura għotja ta' 15.25 fil-mija fuq l-infieq tagħhom, ikkorroborat bl-irċevuti fiskali.

## Riġenerazzjoni tal-Portijiet

Is-sena li għaddiet ippubblikajna l-Viżjoni tagħna għall-Port il-Kbir u għal Marsamxett. Issa bdejna nħejju l-pjani biex inkunu nistgħu nwettqu din il-Viżjoni.

Għaldaqstant, se nibdew numru minn dawn il-proġetti, inkluż:

- *Ir-Riġenerazzjoni tal-Menqa tal-Marsa* li tinkludi investiment fl-infrastruttura tat-toroq, *landscaping* u żoni pedonali biex l-inħawi jissebbħu u jitkattar l-investiment privat;

- *Heritage Park fil-Barrakka ta' Fuq*, proġett ta' restawr ta' numru ta' mini u xelters; u

- *Studji Marittimi fuq Mollijiet għall-Cruise Liners*, fl-inħawi ta' Xatt il-Barriera, il-*breakwater* ta' Marsamxett, il-moll għall-*cruise liners* fil-Port ta' Marsamxett, il-*yacht marina* tal-Kalkara, u l-*yacht marina* fuq in-naħa ta' Sa Maison.

Waqt li għaddejjin dawn l-istudji, il-Gvern qed iħejji t-*tender* għax-xogħlijiet fuq il-mollijiet ta' ġewwa l-Port il-Kbir fejn tinħatt il-merkanzija. Mis-sena li ġejja *f'Boiler Wharf* se jkunu jistgħu jittrakkaw il-*cruise liners*.

### *Yacht Marinas*

Matul din is-sena, ħadna d-deċiżjoni li nipprivattizzaw il-*yacht marinas*. Il-*Privatisation Unit* qed iħejji sejħa għall-offerti u wara ssir l-għażla tal-kumpanija jew kumpaniji li magħhom

il-Gvern se jinnegozja. Il-*marinas* ta' l-Imsida, ta' Għawdex u ta' Ta' Xbiex se jiġu privatizzati.

Għaddejjin ukoll bi proċess sabiex nidentifikaw siti ġodda fejn jistgħu jiġu żviluppati *yacht marinas* ġodda. Il-mira hi li jkollna madwar elf spazju ġdid. Irridu noħolqu spazji fejn sidien Maltin u barranin ikunu jistgħu jtellgħu d-dgħajjes għat-tiswijiet u sabiex jinżammu fuq l-art fix-xitwa.

## Liċenzja tal-*Yachts*

Wara li s-sena l-oħra ntegrajna l-liċenzja ta' l-opri tal-baħar mal-liċenzja tar-radju ta' fuq id-dgħajsa u neħħejna l-ħtieġa li jsiru żewġ pagamenti fis-sena lil dipartimenti differenti, qegħdin issa nirrevedu l-ħlas tar-reġistrazzjoni annwali tal-*yachts* indikat fit-tabella 3.1, li nitlob lill-Kamra tieħu bħala moqrija.

Tabella 3.1: Liċenzji tal-*Yachts*

| ***Yachts*** | **Reġistrazzjoni Annwali Liċenzja (€)** |
|---|---|
| Aktar minn 3.64 u mingħajr magni | **90** |
| 0 sa 9.9 hp | **120** |
| 10 sa 25 hp | **140** |
| 26 sa 50 hp | **165** |
| 51 sa 75 hp | **185** |
| 76 sa 150 hp | **190** |
| Aktar minn 150 hp | **200** |

Ir-rati l-ġodda huma b' effett mill-1 ta' Jannar 2009. Minn din il-miżura, il-Gvern mistenni li jdaħħal miljun ewro.

## Agrikoltura u Sajd

Is-settur agrikolu kompla għaddej mit-trasformazzjoni meħtieġa biex ikompli jissaħħaħ u jopera b'mod sostenibbli, anke meta jieqaf il-programm ta' fondi li kien maqbul ma' l-Unjoni Ewropea qabel is-sħubija b'allokazzjoni totali ta' 181 miljun ewro.

Taħt dan il-programm tħallsu mas-57 miljun ewro mill-2004 sa Ġunju ta' din is-sena, u fost is-setturi li bbenefikaw minn dawn il-fondi hemm dawk tal-majjal, tal-ħalib, tat-tjur, tal-inbid, tat-tadam għall-ipproċessar, u l-bdiewa li jkabbru l-frott u l-ħaxix.

Matul din is-sena, s'issa ngħataw 4.6 miljun ewro f'għajnuna diretta waqt li 3.3 miljun ewro ġew proċessati taħt il-programmi ta' żvilupp rurali. Tajjeb insemmi wkoll li kienu aktar minn 6,000 bidwi u raħħal li gawdew minn din l-għajnuna.

Il-Gvern se jkompli jgħin lil dan is-settur permezz ta' fondi taħt il-Pjan għall-Iżvilupp Rurali 2007-2013, li fih hemm allokati 100 miljun ewro.

Is-sajd huwa settur ieħor li gawda notevolment mill-finanzjament Ewropew bi 3.6 miljun ewro. Is-sajjieda Maltin ibbenefikaw minn fondi għar-ristrutturar tal-flotta tagħhom kif ukoll permezz ta' skema ta' aġġustament.

Fil-preżent, qed jintlaqgħu applikazzjonijiet mis-sajjieda professjonali fuq apparat ta' saħħa u sigurtà fuq il-bastimenti tas-sajd sa massimu ta' 81,000 ewro. Qiegħed jingħalaq ukoll proċess biex jitħallas xiri ta' magni għall-ippakkjar tal-ħut, b'ammont ta' 375,000 ewro.

Qed nallokaw madwar 11.1 miljun ewro oħra biex jintefqu fuq dan is-settur fil-ħames snin li ġejjin.

## Xogħol u Taħriġ

Mr. Speaker, il-ħolqien tax-xogħol huwa wieħed mill-akbar suċċessi ta' dan il-Gvern. Ma jfissirx li kollox huwa ward u żahar. Għalina kull telf ta' impjieg iweġġagħna, u għalhekk irridu nsibu l-mezzi biex intaffu l-konsegwenzi waqt li nistinkaw biex kull min irid jaħdem isib impjieg li jixraqlu.

Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ, l-ETC, għandha rwol determinanti f'dan ir-rigward, u qed tagħti pariri fil-qasam tal-impjiegi, minbarra li toffri firxa ta' skemi u korsijiet ta' taħriġ biex persuni qiegħda jtejbu l-ħiliet tagħhom, u b'hekk iżidu l-opportunitajiet għalihom li jsibu x-xogħol.

Xi industriji, b'mod partikolari s-servizzi finanzjarji u l-ICT, qed jagħtu kontribut notevoli għall-ekonomija tagħna li qed tkompli tikber b'rata mgħaġġla u qed toħloq aktar xogħol b'pagi u kundizzjonijiet aħjar. Oħrajn, bħat-turiżmu u l-manifattura, ilhom jipprovdu dan il-kontribut iżda llum qed jevolvu l-*higher-end* tagħhom. Għaldaqstant għandhom bżonn dawk il-ħaddiema kapaċi f'dawk l-oqsma, b'kapaċitajiet ġestjonali u rieda imprenditorjali biex l-intrapriża tkun tista' tisfrutta l-opportunitajiet globali li qed jinħolqulha.

Irridu li aktar persuni jgawdu minn dawn l-opportunitajiet u fl-istess ħin irridu nibqgħu attraenti għall-industrija bi provvista ta' ħaddiema kwalifikati. Għal dan se nipprovdu aktar għajnuna għat-taħriġ u l-iżvilupp, b'inċentivi partikolari biex:

- Nidentifikaw l-kapaċitajiet meħtieġa mill-industrija fuq terminu immedjat u medju ta' żmien;
- Nirristrutturaw l-iskemi ta' inċentivi biex ikunu jgħoddu aktar għall-individwi li għandhom bżonn ta' kapaċitajiet speċifiċi;
- Insaħħu l-aċċess għal programmi ta' taħriġ favur kapaċitajiet ta' kwalità ogħla;
- Nippromwovu karrieri f'oqsma meħtieġa; u
- Ninċentivaw l-iżvilupp ta' korsijiet u kurrikula marbuta mal-bżonnijiet tal-industrija

Mr. Speaker, fil-baġits li għaddew, ħadna diversi miżuri biex ngħinu lill-familji tagħna jibbilanċjaw tajjeb id-doveri tagħhom lejn il-familja u lejn il-post tax-xogħol tagħhom. Ħadna numru ta' miżuri oħra sabiex ngħinu lill-ġenituri, speċjalment lill-ommijiet, jidħlu jew jirritornaw lejn id-dinja tax-xogħol. Dawn il-miżuri ħallew il-frott mixtieq. Inħossu li nistgħu nagħmlu aktar. Għaldaqstant, kif wegħedna fil-programm elettorali tagħna, se nagħtu:

- sena eżenzjoni mill-*income tax*, għal kull wild taħt is-16-il sena, lil kull omm li tidħol fid-dinja tax-xogħol wara nuqqas ta' ħames snin; u

- sena eżenzjoni mill-*income tax,* għat-tfal kollha li twieldu mill-2007 'l quddiem, lil kull omm li diġà taħdem jew li m'ilhiex nieqsa ħames snin, u li tidħol lura għax-xogħol wara li jkollha t-tfal.

Dawn il-miżuri għandhom ikomplu jgħinu lill-ommijiet li jixtiequ jżewġu l-kontribut tagħhom lejn il-familja mad-dinja tax-xogħol.

Matul is-sena d-dieħla, l-ETC se tkompli tibni fuq din l-għajnuna. Minbarra s-servizzi normali li toffri, se jinbdew programmi ġodda li minnhom se jibbenefikaw min qed ifittex ix-xogħol, min qed jaħdem u jixtieq itejjeb il-ħiliet tiegħu, u min iħaddem. L-*Employment Aid Programme* hu programm biex jinstab impjieg lil persuni żvantaġġjati, filwaqt li tissussidja l-paga tagħhom. Hu maħsub li madwar 1,500 persuna jibbenefikaw minn dan il-Programm li se jiswa madwar 10 miljun ewro fuq firxa ta' ħames snin.

Matul is-sena d-dieħla wkoll, l-ETC se tniedi it-*Training Aid Framework* iffinanzjat primarjament minn fondi Ewropej. Dan il-Programm jipprovdi sussidji lil azjendi li jħarrġu lill-ħaddiema tagħhom. L-għajnuna finanzjarja tiżdied jekk l-azjenda tkun waħda żgħira. Dan il-proġett se jiswa madwar 9 miljun ewro sal-2013. Hu maħsub li 3,500 ħaddiem jibbenefika minn taħriġ ipprovdut taħt dan il-Programm.

Mr. Speaker, wara li fil-kampanja elettorali tqajmu d-dubji min-naħa tal-Oppożizzjoni dwar jekk il-ħlas tal-*overtime* għandux jibqa' jitħallas bis-siegħa, siegħa u nofs, u wara li l-Gvern irċieva sottomissjonijiet minn xi korpi kostitwiti sabiex l-*overtime* jibda jitħallas bis-siegħa, siegħa, inħass il-bżonn li l-

Gvern jiddikjara darba għal dejjem li kif wegħdna fil-programm elettorali, ir-regoli ta' kif jitħallas l-*overtime* se jibqgħu kif inhuma llum. Qed nagħmel din id-dikjarazzjoni sabiex jieqfu, darba għal dejjem, l-assalti minn xi nħawi sabiex din is-sistema tinbidel.

## Reviżjoni fil-Faxex tat-Taxxa

Fil-programm elettorali għal din il-leġiżlatura konna ħabbarna pakkett ta' miżuri fiskali bil-għan ewlieni li nkomplu ninċentivaw in-negozju, nippremjaw ix-xogħol u l-bżulija filwaqt li nħallu aktar flus fi bwiet in-nies. F'dan il-Baġit ħabbarna numru ta' mizuri fiskali minn dan il-pakkett, fost l-oħrajn:

- Inċentivi speċifiċi sabiex inħajru aktar nisa jidħlu fid-dinja tax-xogħol;
- It-tneħħija tat-taxxa tat-tluq bl-ajru; u
- Il-bidla tat-taxxa tar-reġistrazzjoni fuq il-vetturi li se nħabbar aktar 'il quddiem.

Waqt li ċ-ċirkostanzi ekonomiċi internazzjonli huma sostanzjalment differenti minn dawk li fihom fassalna dan il-programm, il-politika fiskali tal-Gvernijiet Nazzjonalisti matul is-snin dejjem kienet li nnaqqsu l-piż tat-taxxi, speċjalment minn fuq id-dħul, sabiex ninkoraġġixxu n-nies jaħdmu aktar u għalhekk joħolqu aktar ġid fil-pajjiż. Fl-istess ħin, dejjem ħassejna li, jekk ikun hemm il-ħtieġa ta' aktar finanzjament pubbliku, dan għandu jsir jew billi nbiddlu l-prijoritajiet fl-infieq pubbliku, sabiex innaqqsu dawk in-nefqiet li m'għadx hemm lokhom, bħalma huma ċerti

sussidji, jew inkella nżidu d-dħul billi nitfgħu il-piż fiskali fuq oġġetti ta' konsum jew li jagħmlu ħsara ambjentali.

Iċ-ċirkostanzi li għaddejjin minnhom illum jitolbu mill-Gvern ċerta kawtela u ħafna prudenza sabiex nassiguraw li l-infieq u d-dħul tagħna jew inkella t-tnaqqis fit-taxxa isir bil-qies u b'mod li ma jimminax is-sostenibbiltà finanzjarja ta' pajjiżna.

Għalhekk se nibdew bit-twettiq tal-ewwel parti tal-wegħda elettorali tagħna dwar it-tnaqqis fl-*income tax* billi se nwessgħu l-faxex kollha tal-*income tax*.

Irrid ngħid, Mr. Speaker, li dak li se jagħmel il-Gvern mhux qiegħed jagħmlu b'kapriċċ. Diġà ħabbart programm kbir ta' investiment u inċentivi sabiex ngħinu lill-ekonomija tagħna tkompli toħloq il-ġid. Iżda, inħossu li sabiex insostnu t-tkabbir ekonomiku f'pajjiżna għandna bżonn, ukoll, li nkomplu ninċentivaw ix-xogħol u nagħtu sinjal ta' kuraġġ lil min hu ħabrieki u bieżel.

It-tnaqqis fl-*income tax* li qiegħed nipproponi llejla għandu jħalli 12-il miljun ewro fil-bwiet ta' kull min jaħdem u li qiegħed jinqabad mit-taxxa tad-dħul. Kif turi tabella 3.2, fuq medda ta' tliet snin, se nkunu ħallejna 152 miljun ewro fi bwiet il-familji tagħna.

Tabella 3.2: Effett Kumulattiv tat-Tnaqqis mill-*Income Tax*

| | 2007 | 2008 | 2009 | Total |
|---|---|---|---|---|
| Tnaqqis Baġit 2006 | 28 | 28 | 28 | 84 |
| Tnaqqis Baġit 2007 | 0 | 28 | 28 | 56 |
| Tnaqqis Baġit 2008 | 0 | 0 | 12 | 12 |
| | 28 | 56 | 68 | 152 |

Fil-kaz ta' komputazzjoni singola se nwessgħu l-ewwel faxxa tad-dħul għal skopijiet tat-taxxa bi 350 ewro sabiex inġibu mhux taxxabbli dak id-dħul kollu li ma jaqbiżx it-8,500 ewro. Fl-2006, qabel ma bdejna b'din ir-riforma, din il-faxxa kienet tasal sa 7,221 ewro. Dan it-tibdil isarraf f'taxxa ffrankata ta' kwazi 200 ewro. Se nwessgħu ukoll il-faxex tat-taxxa li magħhom hemm marbuta r-rati marġinali tat-taxxa tal-25 fil-mija u tal-35 fil-mija, b'500 ewro ieħor. Dan ifisser li din is-sena se nkunu nagħtu tnaqqis fit-taxxa ta' bejn 53 u 153 ewro għal min jaqa' fihom u, b'mod kumulattiv, bejn 143 u 1,050 ewro anqas taxxa fl-2009 meta wieħed iqis it-tibdil li daħħalna fuq medda ta' tliet snin.

Fil-kaz ta' komputazzjoni konġunta ser nwessgħu l-ewwel faxx tad-dħul b'500 ewro sabiex inġibu mhux taxxabli dak id-dħul kollu li ma jaqbiżx il-11,900 ewro. Hawnhekk, irrid infakkar li fl-2006, qabel ma bdejna r-riforma, din il-faxxa kienet tasal sa 10,016 ewro. Għalhekk fuq medda ta' tlett snin se nkunu ffrankajna kważi 283 ewro f'taxxa lil dawk milquta mit-tibdil f'din il-faxxa.

Se nwessgħu wkoll il-faxex tal-25 fil-mija u tal-35 fil-mija b'700 ewro ieħor. Dan ifisser li din is-sena se nkunu qegħdin nagħtu tnaqqis fit-taxxa ta' bejn 75 u 215 il-ewro u, b'mod kumulattiv, bejn 207 u 1,576 ewro anqas f'taxxa fl-2009 meta wieħed iqis it-tibdil li daħħalna fuq medda ta' tliet snin.

Il-faxex tat-taxxa se jinbidlu kif murija f'tabelli 3.3 sa 3.6 li nitlob lill-kamra tieħu bħala moqrija. Dawn it-tabelli juru, ukoll, l-impatt tat-tibdil li ħabbart fuq il-komputazzjoni singola u dik konġunta, kif ukoll l-impatt tat-tibdil fl-*income tax* permezz tar-riformi li daħħalna fl-aħħar tliet snin.

Tabella 3.3: Komputazzjoni Konġunta

| **Komputazzjoni Konġunta** | | | | | Tabella 3.3 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Rata %** | **Rati 2006 Dħul sa Ewro** | **Rata %** | **Rati 2007 Dħul sa Ewro** | **Rati 2008 Dħul sa Ewro** | **Rati 2009 Dħul sa Ewro** |
| 0 | 0 - 10,016 | 0 | 0 - 10,482 | 0 - 11,400 | 0 - 11,900 |
| 15 | 10,017 - 13,876 | 15 | 10,483 - 18635 | 11,401 - 20,500 | 11,901 - 21,200 |
| 20 | 13,977 - 16,888 | | | | |
| 25 | 16,889 - 19,800 | 25 | 19,636 - 23,294 | 20,501 - 28,000 | 21,201 - 28,700 |
| 30 | 19,801 - 23,294 | | | | |
| 35 | 23,295+ | 35 | 23,295+ | 28,001+ | 28,701+ |

Tabella 3.4: Komputazzjoni Singola

| **Komputazzjoni Singola** | | | | | Tabella 3.4 |
|---|---|---|---|---|---|
| **Rata %** | **Rati 2006 Dħul sa Ewro** | **Rata %** | **Rati 2007 Dħul sa Ewro** | **Rati 2008 Dħul sa Ewro** | **Rati 2009 Dħul sa Ewro** |
| 0 | 0-7,221 | 0 | 0 - 7,570 | 0 - 8,150 | 0 - 8,500 |
| 15 | 7,222-9,550 | 15 | 7,571 - 12,812 | 8,152 - 14,000 | 8,501 - 14,500 |
| 20 | 9,551-11,647 | | | | |
| 25 | 11,648-13,976 | 25 | 12,812 - 15,723 | 14,001 - 19,000 | 14,501 - 19,500 |
| 30 | 13,977-15,723 | | | | |
| 35 | 15,724+ | 35 | 15,724+ | 19,001+ | 19,501+ |

Tabella 3.5: Komputazzjoni Singola (Impatt)

| **Komputazzjoni Singola (impatt)** | | | | Tabella 3.5 |
|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | **Tnaqqis fit-Taxxa Baġit 2007 Ewro** | **Tnaqqis fit-Taxxa Baġit 2008 Ewro** | **Tnaqqis fit-Taxxa Baġit 2009 Ewro** | **Total Ewro** |
| 8,150 | 52 | 87 | 0 | 139 |
| 8,500 | 52 | 87 | 53 | 192 |
| 9,500 | 52 | 87 | 53 | 192 |
| 10,500 | 99 | 87 | 53 | 239 |
| 11,500 | 149 | 87 | 53 | 289 |
| 12,500 | 242 | 87 | 53 | 382 |
| 13,500 | 274 | 155 | 53 | 482 |
| 14,500 | 300 | 205 | 103 | 608 |
| 15,500 | 350 | 205 | 103 | 658 |
| 16,500 | 361 | 283 | 103 | 747 |
| 17,500 | 361 | 383 | 103 | 847 |
| 18,500 | 361 | 483 | 103 | 947 |
| 19,500 | 361 | 533 | 153 | 1,047 |
| 20,500 | 361 | 533 | 153 | 1,047 |

Tabella 3.6: Komputazzjoni Konġunta (impatt)

| **Komputazzjoni Konġunta (impatt)** | | | | Tabella 3.6 |
|---|---|---|---|---|
| **Dħul** | **Tnaqqis fit-Taxxa Baġit 2007 Ewro** | **Tnaqqis fit-Taxxa Baġit 2008 Ewro** | **Tnaqqis fit-Taxxa Baġit 2009 Ewro** | **Total Ewro** |
| 11,400 | 70 | 138 | 0 | 208 |
| 12,000 | 70 | 138 | 75 | 283 |
| 13,000 | 70 | 138 | 75 | 283 |
| 14,000 | 71 | 138 | 75 | 284 |
| 15,000 | 121 | 138 | 75 | 334 |
| 16,000 | 171 | 138 | 75 | 384 |
| 17,000 | 226 | 138 | 75 | 439 |
| 18,000 | 326 | 138 | 75 | 539 |
| 19,000 | 390 | 174 | 75 | 639 |
| 20,000 | 400 | 274 | 75 | 749 |
| 21,000 | 450 | 324 | 125 | 899 |
| 22,000 | 500 | 324 | 145 | 969 |
| 23,000 | 550 | 324 | 145 | 1,019 |
| 24,000 | 565 | 395 | 145 | 1,105 |
| 25,000 | 565 | 495 | 145 | 1,205 |
| 26,000 | 565 | 595 | 145 | 1,305 |
| 27,000 | 565 | 695 | 145 | 1,405 |
| 28,000 | 565 | 795 | 145 | 1,505 |
| 29,000 | 565 | 795 | 215 | 1,575 |
| 30,000 | 565 | 795 | 215 | 1,575 |

## Edukazzjoni ta' Kwalità għal Uliedna

Mr. Speaker,

L-akbar investiment huwa dak li jrendi dejjem. L-edukazzjoni hija dan it-tip ta' investiment għax hija l-għodda li titħarreġ t-tfal, iż-żgħażagħ u l-ħaddiema tagħna bl-aqwa ħiliet. B'hekk ikunu jistgħu jaħtfu l-aqwa opportunitajiet.

Irridu li sa l-2015, pajjiżna jkun rikonoxxut bħala ċentru ta' l-ogħla kwalità fl-edukazzjoni, iżda biex dan iseħħ jeħtieġ li nkomplu ninvestu fl-edukazzjoni għax hija dik l-istess riżorsa umana li se ninvestu fiha llum li se tagħtina l-akbar garanzija ta' żvilupp sostenibbli. L-investiment irid ikompli jsir f'kull livell edukattiv, fl-infrastruttura, l-għodod li nużaw għat-tagħlim, l-għalliema u l-appoġġ kollu li tfal u żgħażagħ tagħna jistħoqqilhom biex tassew jirnexxu lkoll.

### L-Edukazzjoni Primarja u Sekondarja

Matul is-sena d-dieħla se nkomplu ninvestu fl-infrastruttura u fir-riżorsi tal-iskejjel bil-għan li nkomplu ntejbu l-esperjenza edukattiva tat-tfal tagħna. Investejna fit-twaqqif ta' għaxar kulleggi. Issa jeħtieġ li nsaħħu s-sistemi li jagħtu appoġġ biex intejbu il-kwalità tat-tagħlim għal uliedna. Għalhekk, qed nallokaw iż-żieda ta' aktar minn 4.4 miljun ewro biex inkomplu din ir-riforma, u b'mod partikolari, nimpjegaw il-professjonisti meħtieġa biex nagħtu aktar appoġġ lill-iskejjel, lill-għalliema, lit-tfal u l-familji tagħhom.

Irridu nassiguraw li l-iskejjel tagħna jkunu attrezzati bl-aqwa servizzi edukattivi. Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada qed

tkompli bil-ħidma tagħha fil-bini ta' skejjel ġodda, u fil-manutenzjoni estensiva fl-iskejjel eżistenti.

Fil-bidu ta' din is-sena skolastika l-istudenti tas-sekondarja tas-subien tal-Kulleġġ Santa Margerita bdew jattendu fl-iskola ġdida tal-Verdala. Tlesta wkoll ix-xogħol fuq l-estensjoni tal-Junior Lyceum tal-Bniet fl-Imrieħel bl-installazzjoni ta' laboratorji ġodda, filwaqt li saret manutenzjoni estensiva fuq diversi skejjel primarji.

Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada mistennija tinvesti 13-il miljun ewro biex tiffinanzja il-programm għall-2009, u jitkompla x-xogħol fuq l-iskola primarja l-ġdida ta' Pembroke bil-għan li tinfetaħ fis-sena skolastika li jmiss. Se jitkompla wkoll il-bini tal-iskola sekondarja fir-Rabat Għawdex u l-bini ta' skola sekondarja ġdida fil-Mosta.

Il-Gvern huwa determinat li, bħalma għamel f'dawn l-aħħar tliet snin, ikompli jaħdem biex jiftaħ skola ġdida kull sena.

Barra minn hekk, se nkomplu nimplimentaw ukoll r-rakkomandazzjonijiet fir-Rapport Spiteri dwar l-edukazzjoni inklussiva għal persuni b'diżabilità. Se nagħtu għajnuna finanzjarja diretta lill-iskejjel privati sabiex dawn ikunu jistgħu jingaġġaw il-*facilitators* meħtieġa sabiex jgħinu lit-tfal bi bżonnijiet speċjali.

### L-Istrateġija ta' *e-Learning*

Uliedna jistħoqqilhom edukazzjoni bl-aktar teknoloġija ta' l-informazzjoni moderna. Se nkomplu ninvestu f'nefqa kapitali fin-netwerking ta' l-iskejjel sabiex it-tfal tagħna jkollhom iktar opportunitajiet edukattivi bl-użu ta' l-informatika fil-

klassi fejn jitgħallmu. Għal dan se ninvestu 16-il miljun ewro fuq numru ta' snin.

### Iċ-Ċentri ta' Matul il-Jum għat-Tfal

Nemmnu li pajjiżna jeħtieġ li jinvesti f'aktar ċentri ta' matul il-jum għat-tfal. Filwaqt li dawn iċ-ċentri se jgħinu biex tiżdied ir-rata ta' nisa fl-impjieg, il-Gvern iqis li ċentri ta' kwalità huma opportunità għal uliedna biex jiżviluppaw minn età bikrija.

Il-Gvern qed jinvesti f'dawn iċ-ċentri kemm fl-iskejjel kif ukoll f'postijiet oħra. Matul din is-sena ftaħna tliet ċentri fl-iskejjel fil-Għargħur, Raħal Ġdid u Ħal-Luqa. Matul is-snin li ġejjin l-għaxar Kulleġġi għandu jkollhom minn tal-anqas ċentru kull wieħed. Tnejn minn dawn, fis-Siġġiewi u f'Pembroke, se jinfetħu s-sena li ġejja.

### Inkomplu Ninvestu fl-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla

L-istudenti li qed ikomplu jistudjaw fl-MCAST, fl-ITS, fil-Junior College, fil-Higher Secondary u fl-Università qed jiżdied minn sena għall-oħra. Filwaqt li fl-2000 kellna 37 fil-mija tal-istudenti li għandhom 17-il sena f'xi istituzzjoni edukattiva, illum għandna mas-70 fil-mija.

Il-Gvern huwa impenjat li, sal-2015, 85 fil-mija taż-żgħażagħ li jkunu għalqu 16-il sena jkomplu l-istudji tagħhom.

Din is-sena kien hemm 180 student igawdu minn boroż ta' studju. Fl-iskema għal *postgraduate degrees,* li daħlet fit-tielet sena tagħha, kellna 41 student li qed jistudjaw fid-dottorat, u 80 student li qed jistudjaw għal *Masters*.

Il-Gvern se jkompli joffri opportunitajiet lill-istudenti kollha tagħna permezz ta' Boroż ta' Studju. Permezz ta' proġett STEPS, l-istudenti tagħna se jkunu jistgħu jgawdu minn boroż ta' studju b'investiment ta' 10 miljun ewro fl-erba' snin li ġejjin.

Mr. Speaker, se nkomplu ninvestu fl-Università, li min-naħa tagħha diġà rnexxielha tikseb 50 miljun ewro fi proġetti mill-Fondi tal-Unjoni Ewropea. Issa, l-Università se jkollha fakultà ġdida ta' l-ICT, kif ukoll laboratorju ta' xjenza bl-aqwa apparat għar-riċerka u studji. Għas-sena li ġejja, il-vot ta' l-Università qed inżiduh bi 4.4 miljun għal 36 miljun ewro. Se nallokaw 1.5 miljun ewro għal investiment fir-riċerka u fil-librerija.

L-MCAST huwa ħolqa oħra f'din il-katina. Se nivvutaw 3.7 miljun ewro għall-proġett ta' *campus* ġdid. Minbarra l-iffirmar tal-ftehim kollettiv, li tejjeb il-kundizzjonjiet tal-għalliema, l-MCAST se timplimenta tliet proġetti ta' 13.3 miljun ewro u li permezz tagħhom *lecturers* se jkollhom l-opportunità li jtejbu l-kwalifiki tagħhom. Barra minn hekk, l-MCAST se timplimenta sitt proġetti oħra li jiswew 5.7 miljun ewro. B'dan l-investiment, l-MCAST se jkollha ċentru ta' taħriġ multimedjatiku, laboratorju tal-lingwi, u sistemi ta' kompjuters ġodda, filwaqt li se jitkabbar u jitjieb l-Istitut tal-Inġinerija Mekkanika, u dak tal-Inġinerija Elettrika u Elettronika f'Malta u f'Għawdex.

Il-Gvern irid li l-Edukazzjoni Ogħla u Avvanzata tkompli tikber u tattira studenti barranin biex jiġu jispeċjalizzaw f'Malta. Għalhekk huwa importanti li dan is-settur jigi

regolat, kif ukoll li nassiguraw li t-tagħlim f'dan il-livell huwa wieħed ta' kwalità u professjonali.

## Sport

Il-Gvern b'dan il-Baġit qed ikompli jalloka aktar riżorsi għall-qasam sportiv f'pajjiżna billi qed inżidu l-investiment fl-isport b'1.6 miljun ewro. Il-Gvern beda proċess ta' konsultazzjoni ma' l-għaqdiet sportivi nazzjonali kollha biex jisma' u jifhem l-aspirazzjonijiet tagħhom. Irridu nkattru l-ħidma tagħna biex inxettlu kultura sportiva fost il-poplu tagħna.

Matul din is-sena, investejna f'aktar faċilitajiet sportivi fl-iskola ta' Ħal Kirkop, tal-Ħamrun, ta' Ħal Qormi u tan-Naxxar. Dawn il-faċilitajiet qed jintużaw filgħodu mill-istudenti tal-iskejjel rispettivi u filgħaxija minn għaqdiet u assoċjazzjonijiet sportivi.

Il-programmi sportivi organizzati mill-Kunsill Malti għall-Isport komplew iżidu fil-popolarità tagħhom u minn din is-sena qed nibdew proġett pilota fl-iSkejjel ta' l-iStat biex it-tfal iżidu l-attività fiżika u sportiva waqt jew wara l-ħin ta' l-iskola.

Matul is-sena li ġejja:

- Se nifitħu l-kumpless reġjonali ġdid f'Ħal Kirkop;
- Permezz tal-mudell tal-*Public Private Partnership* se nibdew il-proċess biex ikollna Kumpless Sportiv ġdid fit-Tramuntana ta' Malta;

- Se nagħmlu użu mill-ispazji fil-miftuħ biex jiġi pprattikat aktar sport u eżerċizzju fiżiku fihom;

- Se nintroduċu skemi ġodda ta' assistenza lill-għaqdiet sportivi biex:

    - sportivi ta' livell nazzjonali li jaħdmu mal-Gvern jingħataw *Sports Leave*; u

    - inħajru l-għaqdiet sportivi jintroduċu d-dixxiplini sportivi tagħhom għal persuni b'diżabilità;

- Se nżidu l-programmi sportivi tal-Kunsill Malti għall-Isport biex jilħqu firxa aktar wiesa' tal-popolazzjoni tagħna, minn tfal ta' l-iskola sa anzjani; u

- Il-Gvern irid jinċentiva l-użu ta' mezzi ta' trasport li ma jħammġux filwaqt li jinċentiva l-eżerċizzju fiżiku. Għal dan il-għan, il-Gvern se jagħti rifużjoni ta' 15.25 fil-mija fuq il-prezz finali għax-xiri ta' roti (bicycles). Huwa stmat li minn din il-miżura jistgħu jibbenefikaw madwar 6,000 persuna fis-sena.

## Ambjent Aħjar – Kwalità ta' Ħajja Aħjar

Mr. Speaker, dan il-Baġit se jkompli jpoġġi l-ambjent fost l-ogħla prijoritjiet għal pajjiżna. Ambjent sabiħ u nadif mhux biss jagħti dehra isbaħ lill-pajjiżna, iżda huwa bżonnjuż ukoll għal saħħitna u għall-iżvilupp ekonomiku sostenibbli ta' pajjiżna.

### Il-Bidla fil-Klima

Waħda mill-akbar preokkupazzjonijiet fid-dinja fuq livell ambjentali huwa l-impatt negattiv li l-iżvilupp ekonomiku qed iħalli fuq il-bidla fil-klima. Dan il-Baġit ifittex li jindirizza l-ħarsien tal-klima u aspetti oħra ambjentali b'numru ta' miżuri u inizjattivi li flimkien nemmnu li għandhom jagħtu spinta 'l quddiem lejn żvilupp sostenibbli.

Id-dinja kollha ġiet milquta bil-kbir miż-żidiet qawwija fil-prezz taż-żejt. Aħna qed nintlaqtu doppjament għax niddependu għal kollox mill-ħruq taż-żejt biex nipproduċu l-elettriku u l-ilma.

Quddiem din l-isfida nistgħu jew inħarsu sal-ponta ta' mnieħirna u naħsbu li nistgħu nilqgħu għal din l-isfida billi nibqgħu nissussidjaw b'mod permanenti l-ħela, jew li ninvestu fil-konservazzjoni ta' l-enerġija, mezzi ta' enerġija alternattiva, u mezzi aktar effiċjenti ta' ġenerazzjoni ta' enerġija.

Nemmnu li għandu jkollna l-ħila li mhux biss naffaċċjaw din l-isfida iżda wkoll li ndawwruha f'opportunità għal żvilupp

sostenibbli. Il-miżuri li se nħabbar illejla għandhom jgħinu sabiex kulħadd jipparteċipa u jikkontribwixxi lejn dan l-għan.

L-inizjattivi li se nħabbru llejla jridu jgħinu:

- Lill-familji, is-settur kummerċjali u l-industrija jinvestu fil-konservazzjoni u l-ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva;

- Il-pajjiż jinvesti fis-sistemi ta' ġenerazzjoni ta' enerġija alternattiva u f'mezzi aktar effiċjenti ta' ġenerazzjoni ta' enerġija ;

- Tidħol ir-regolamentazzjoni dwar *standards* ta' effiċjenza fl-enerġija fil-kostruzzjoni ta' bini ġdid; u

- Nedukaw u nappoġġjaw kultura ta' użu bil-għaqal tal-enerġija.

L-ewwelnett, jinħtieġ li nużaw l-enerġija li nipproduċu b'mod tajjeb u għaqli. Għal dan il-għan, il-Gvern ħejja Pjan Nazzjonali ta' Azzjonali Dwar l-Użu Effiċjenti tal-Enerġija, li llejla qiegħed inpoġġih fuq il-mejda tal-Kamra.

It-tieni, biex tidħol kuxjenza favur il-konservazzjoni tal-enerġija kemm fuq livell domestiku kif ukoll fuq livell kummerċjali se ndaħħlu fis-seħħ ir-regolamentazzjoni dwar *Energy Performance of Buildings*, li permezz tagħhom se jibda jiġi mitlub *energy performance certificate* qabel ma jinħareġ il-permess għall-iżvilupp.

Biex nippromwovu il-ġenerazzjoni ta' enerġija minn sorsi nodfa u rinnovabbli allokajna 33 miljun ewro minn fondi tal-

Unjoni Ewropea għal skemi li jinċentivaw teknoloġiji li jiġġeneraw enerġija nadifa għas-settur domestiku u dak kummerċjali.

## Inċentivi lill-Familji

Irridu ngħinu lill-familji tagħna fl-isforzi tagħhom sabiex jagħmlu l-aħjar użu tal-enerġija, u jinvestu f'sorsi alternattivi tal-enerġija. Għal dan il-għan, il-familji kollha se jibbenefikaw b'dan il-mod:

1. Se nniedu wegħda elettorali oħra matul l-2009 billi jitqassmu *security vouchers* lil kull familja ħalli din il-familja tibbenifika minn lampi *energy saving* b'xejn mill-ħanut tal-għażla tagħha. Din il-miżura għandha tgħin sabiex titrawwem kuxjenza favur l-effiċjenza fl-użu tal-enerġija. B'din il-miżura, il-Gvern se jkun qed jimplimenta f'kollaborazzjoni sħiħa mal-GRTU, u l-*Electrical Importers Association*. Din l-inizjattiva se tiswa erba' miljun ewro.

   Min-naħa l-oħra matul is-sena 2007 ġew impurtati 'l fuq minn erba' miljun bozza u tubu tat-tip *incandescent* u *fluorescent* minkejja li fis-suq jeżistu lampi u tubi li huma *energy saving*. Sabiex niskoraġġixxu x-xiri ta' dawn il-lampi u t-tubi u ninkoraggixxu il-bejgħ ta' lampi u tubi li huma *energy saving*, u li bihom ikun jitnaqqas il-ħela tad-dawl, qegħdin nintroduċu eko-kontribuzzjoni ta' 25ċ fuq kull lampa u 50ċ fuq kull tubu b'effett immedjat. Huwa stmat li l-Gvern jiġbor 600,000 ewro minn din il-miżura;

2. Se nallokaw żewġ miljun ewro sabiex intejbu l-inċentiv għax-xiri ta' *solar water heaters*. Kull familja se tingħata lura żewġ terzi tal-ispejjeż marbuta max-xiri ta' dan l-apparat, sa massimu ta' 460 ewro. F'din l-iskema, huwa stmat li se jibbenefikaw madwar 4,500 familja;

3. Se nallokaw 500,000 ewro għal skema li tfondi 50 fil-mija ta' l-investiment f'sistemi ta' ċelloli fotovoltajċi sa massimu ta' 3,000 ewro. Huwa stmat li jkunu jistgħu jibbenefikaw mal-200 familja;

4. Se nallokaw 300,000 ewro għal skema li tgħin l-*insulation* tal-bjut u t-twaħħil ta' ħġieġ *double glazed* fid-djar. Se tingħata għajnuna ta' 33 fil-mija sa massimu ta' 300 ewro. Huwa stmat li se jibbenifikaw madwar 1,000 familja;

5. Il-Korporazzjoni Enemalta se twaqqaf servizz fejn il-familji jingħataw pariri personalizzati dwar kif jistgħu jaqtgħu l-ħela ta' l-enerġija u jikkontrollaw il-konsum;

6. Qed nallokaw is-somma ta' 200,000 ewro sabiex tissaħħaħ il-kampanja ta' tagħrif dwar l-użu tajjeb tal-enerġija;

7. L-apparat kollu domestiku se jkollu jkun immarkat b'tagħrif sħiħ dwar l-effiċjenza ta' dan l-apparat fl-użu tal-enerġija;

8. Se ndaħħlu *standards* ċari u trasparenti dwar l-użu tal-enerġija effiċjenti fil-bini u fl-apparat domestiku; u

9. Se nibdew nesiġu li fi proġetti kbar jitfasslu pjanijiet dwar l-immaniġġjar tal-enerġija.

Irrid niċċara li l-iskemi ta' għajnuna, li se jiġu mħaddma mill-Awtorità Maltija għar-Riżorsi, se jagħlqu meta il-fondi allokati jkunu eżawriti, u l-applikazzjonijiet jintlaqgħu *on a first come first serve basis*.

## Inċentivi lill-Industrija

L-industrija għandha kontribut partikolari f'dan il-qasam.

Il-Malta Enterprise se tgħin lill-kumpaniji lokali jidentifikaw dawk it-teknoloġiji fil-qasam ambjentali u tal-enerġija li jistgħu jgħinuhom. Nidejna wkoll skema li tgħin lill-industrija f'investimenti biex ittejjeb l-effiċjenza fl-użu ta' l-enerġija, kif ukoll f'sorsi ta' enerġija li tiġġedded. S'issa, ġew megħjuna 11-il kumpanija b'investiment ta' aktar minn 500,000 ewro.

L-intraprizi li lesti jinvestu fil-ġenerazzjoni ta' enerġija li tiġġedded u fl-użu aħjar tal-enerġija se jingħataw għajnuna sa 60 fil-mija tan-nefqa approvata. Għal dan il-għan, qed nivvutaw 10 miljun ewro, li minnhom għandhom jibbenefikaw madwar 1,600 intrapriża. Irrid infakkar li kumpaniji li jinvestu f'pannelli fotovoltajċi għall-ġenerazzjoni tal-enerġija diġà huma eliġibbli għal *investment tax credit* ta' 243 fil-mija tal-ispiża li tkun saret sabiex sar l-investiment relattiv. Dan il-benefiċċju jista' jittieħed ukoll fuq il-parti li ma tiġix finanzjata mill-iskema. Il-prinċipju tan-*net metering* li llum japplikaw għad-domestiku, se japplika għall-industriji li jinstallaw dawn is-sistemi wkoll.

Skema oħra importanti hija l-*Business Advisory Scheme*, li qed tħallas parti mill-ispejjeż ta' kumpaniji li jridu jieħdu parir minn esperti fuq numru ta' oqsma li jinkludu l-konsum ta' l-enerġija u l-ilma u l-immaniġġjar ta' l-iskart.

Se ninċentivaw ukoll lill-intrapriżi sabiex jagħmlu awditjar tas-sistemi u l-użu ta' l-enerġija tagħhom b'għajnuna ta' 40 fil-mija sa massimu ta' 300 ewro fuq dawn l-*audits* għal intrapriżi żgħar u sa massimu ta' 1,000 ewro għal intrapriżi l-kbar. Qegħdin nimmiraw li matul is-sena li ġejja, 1,000 intrapriża jidħlu għal dan l-*audit*.

Id-dipartimenti u l-entitajiet tal-Gvern ukoll iridu jagħtu sehemhom, u għaldaqstant matul is-sena li ġejja kull dipartiment u entità oħra fis-settur pubbliku se jinvestu fl-awditjar tas-sistemi u l-użu effiċjenti tal-enerġija fil-binjiet tagħhom. L-ispiża għal dan l-awditjar trid tittieħed mill-allokazzjonijiet rikurrenti. Nemmnu li s-settur pubbliku jrid jagħti l-eżempju u jgħin sabiex nindirizzaw b'mod konkret l-isfidi ta' l-enerġija f'pajjiżna.

## Investimenti Nazzjonali

L-enerġija tar-riħ għandha potenzjal importanti x'toffri biex tiġi indirizzata l-isfida tat-tibdil fil-klima. Irridu nsegwu s-suċċessi li kisbu pajjiżi oħra ta' l-Unjoni Ewropea f'dan is-settur. Nifhmu li pajjiżna għandu żvantaġġi kbar meta mqabbel ma' pajjiżi oħra li għandhom firxiet kbar ta' art u baħar li faċilment jistgħu jiġu sfruttati għall-enerġija alternattiva.

Il-Gvern se jniedi proġett biex jinbena *offshore wind farm* fuq sit magħruf bħala s-Sikka l-Bajda, wara li saru l-evalwazzjoniet meħtieġa.

Huwa stmat li l-*wind farm* fuq is-Sikka l-Bajda se jissupplixxi enerġija biżżejjed biex taqdi madwar 21,000 dar. Dan huwa ekwivalenti għal 80 fil-mija ta' elettriku kkunsmat f'Għawdex u għal 4 fil-mija tal-konsum globali fil-gżejjer Maltin. Il-proġett se jiffranka 80,000 tunnellata ta' dijossidu tal-karbonju kull sena. Il-*wind farm* se jsir b'investiment privat ta' madwar 130 miljun ewro.

Il-Gvern qiegħed ukoll jesplora l-possibbiltà ta' proġett ta' rdieden iżgħar simili biex jiġu installati numru ta' turbini tar-riħ fuq l-art f'inħawi l-anqas abitati.

### Fond għal Ġenerazzjoni tal-Enerġija Alternattiva

Biex inkunu nistgħu nwettqu l-investiment u l-inċentivi li qed nipproponu f'dan il-Baġit favur l-enerġija li tiġġedded se nwaqqfu fond li se jiġi ffinanzjat billi b'effett immedjat ngħollu s-sisa bi 5.5ċ għal kull litru ta' petrol u b'2.0ċ għal kull litru ta' diesel.

## Ġenerazzjoni Konvenzjonali tal-Enerġija

Minkejja l-isforzi biex niġġeneraw kemm nistgħu enerġija alternattiva, xorta jibqa' l-ħtieġa li ninvestu fil-ġenereazzjoni ta' enerġija minn sorsi oħra.

Jekk sa l-2010 ma ninvestux f'impjant ieħor tal-enerġija f'Delimara ma nkunux nistgħu nipproduċu elettriku biżżejjed biex inlaħħqu mal-ħtiġijiet tal-pajjiż. Dan huwa wkoll

importanti għax iwassalna biex inkunu nistgħu nagħlqu l-impjant tal-Marsa, impjant ineffiċjenti u li jniġġeż.

Kif diġà ħabbarna, se jsir ukoll investiment sostanzjali biex pajjiżna jingħaqad mal-*grid* Ewropew. Dan jagħti sigurtà akbar għas-sistemi tal-ġenerazzjoni tal-elettriku f'pajjiżna, jippermettilna li naraw l-investiment fil-*wind farm*, kif ukoll fil-futur joffri l-opportunità li nkunu nistgħu nixtru enerġija irħas meta s-suq Ewropew għall-elettriku jsir suq wieħed.

## Nindirizzaw l-Isfida tal-Emissjonijiet

L-emissjonijiet ta' $C0_2$ qed iwasslu għat-tibdil sostanzjali fil-klima. Hemm firxa wiesgħa ta' attivitajiet, fosthom it-trasport, li qed jikkontribwixxu għal dan il-fenomenu u qed iħallu effett negattiv fuq saħħitna.

F'pajjiżna, is-settur tat-trasport qed jarmi l-akbar porzjon ta' emissjonijiet u gassijiet oħra perikolużi fl-atmosfera. Għandna waħda mill-ogħla rati ta' konġestjoni tat-traffiku fl-Unjoni Ewropea. B'żieda ta' aktar minn 10,000 vettura fuq it-toroq sal-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena, il-problema tal-emissjonijiet qed tkompli tikber. Apparti dan, l-età medja tal-flotta ta' vetturi f'pajjiżna hija ta' 15-il sena meta dik ta' l-Unjoni Ewropea hija tmien snin.

Dan għandu impatt kbir fuq il-livelli ta' tniġġis, il-konġestjoni, l-ispazju għall-ipparkjar, u fuq l-ambjent u s-saħħa tagħna lkoll.

## Riforma fit-Trasport Pubbliku

Il-limitazzjonijiet li għandna fil-qasam tat-trasport pubbliku huma parti sinifikanti mill-kawża ta' din il-problema. Għandna sistemi qodma u ta' kwalità inaċċettabbli għaż-żminijiet tal-lum. Qed naħdmu biex nibdlu mill-qiegħ it-trasport pubbliku f'Malta permezz ta' programm ta' riformi b'dawn l-elementi ewlenin:

1. Trasport pubbliku kuntrattat li sal-2010 ikollu flotta għal kollox mibdula ta' karozzi tal-linja ta' daqsijiet differenti u b'rotot ġodda;

2. Investiment fit-tagħrif li jingħata l-pubbliku sabiex niffaċilitaw bidla favur l-użu tat-trasport pubbliku minflok il-karozza privata;

3. Investiment fil-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-vened u l-*bus stops*;

4. Riforma regolatorja biex il-Gvern u l-aġenziji tiegħu jkollhom mezzi, li llum m'għandhomx, li jinfurzaw il-liġi u l-kundizzjonijiet kuntrattwali dwar is-servizz; u

5. Swieq liberalizzati ta' transport bit-*taxis*, bil-*coaches* u bil-*mini buses* sabiex jiżdied is-servizz u jitjiebu kemm il-kwalità kif ukoll il-prezzijiet.

Intant, bħalissa il-viabiltà tat-trasport bit-trammijiet f'Malta qed tkun studjata. Matul is-sena li ġejja se nippubblikaw ir-riżultati.

Ir-riforma għandha twassal biex ikollna sistema ta' trasport pubbliku aktar effiċjenti, ambjentalment nadifa, u li tħajjar l-użu tagħha.

## Sistema ta' Reġistrazzjoni u Liċenzji għall-Vetturi bbażata fuq l-Emissjonijiet

Kif konna wegħedna fil-programm elettorali, il-Gvern se jirriforma, b'mod responsabbli, is-sistema tat-tassazzjoni fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi b'risq żvilupp sostenibbli.

Bis-sistema l-ġdida se jigu aġevolati dawk li jagħżlu li jixtru vetturi iżgħar, li jkollhom livell baxx ta' emissjonijiet, u li jkollhom teknoloġija aktar nadifa.

Ir-riforma hija bbażata fuq il-prinċipju li wieħed iħallas skond kemm iħammeġ u skond kemm joħloq konġestjoni fit-triq. Il-fatturi ewlenin li fuqhom hija msejsa t-taxxa ta' reġistrazzjoni l-ġdida huma l-ammont ta' emissjonijiet rifless fis-$C0_2$, l-ammont ta' *particulate matter*, l-età u l-valur tal-vettura. Mhux se tiġi applikata aktar il-VAT fuq it-taxxa ta' reġistrazzjoni.

Ir-riforma fis-sistema ta' reġistrazzjoni u liċenzjar se tiġi indirizzata f'żewġ fażijiet.

L-ewwel parti se tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar li ġej, u se tinkludi l-kategorija tal-vetturi privati għall-ġarr ta' passiġġieri, magħrufa bħala M1, inklużi karozzi *self-drive, leased, garage-hire,* kif ukoll il-muturi. Il-vetturi kummerċjali se jkunu trattati fit-tieni fażi tar-riforma.

Il-prezz tal-vetturi użati, u li se jidħlu fis-suq Malti għall-ewwel darba, se jkun determinat mill-kundizzjonijiet lokali

tas-suq. Fassalna mekkaniżmu ġust u trasparenti biex jirrifletti l-valur fis-suq lokali, u li minnu jiġi rifless il-valur ta' taxxa li dik il-vettura għandha tħallas meta tidħol fis-suq lokali. Din is-sistema se tkun disponibbli fuq sit ta' l-internet u l-konsumatur se jkun jista' jara kemm se tkun it-taxxa dovuta fuq vettura partikolari. Se jitwaqqaf Bord ta' Appell sabiex jisma' u jiddeċiedi każijiet ta' nuqqas ta' qbil dwar il-valutazzjoni tat-taxxa tar-reġistrazzjoni.

Ir-rati l-ġodda ta' taxxa fuq ir-reġistrazzjoni tal-karozzi qed jiġu murija f'Appendiċi B.

Tabella 5.1 turi r-roħs jew żieda ta' taxxa fuq kull kategorija fejn jirriżulta li t-taxxi se jinżlu b'madwar 44 fil-mija għall-vetturi li jħammġu l-anqas u b'28 fil-mija fuq il-vetturi tan-nofs, iżda l-vetturi l-kbar u li jħammġu l-aktar se jħallsu aktar taxxa milli titħallas illum.

L-inċidenza ta' ażma u mard respiratorju ieħor fost it-tfal tagħna hija fost l-ogħla fl-Ewropa. L-emissjonijiet minn magni *diesel* ikabbru r-riskju ta' kumplikazzjonijiet fil-pulmun. Għalkemm saru avvanzi fit-teknoloġija, huwa biss meta jidħol l-istandard Euro 5 li se jillimita l-emissjonijiet ta' l-hekk imsejjaħ *particulate matter* għal 5.0mg/km li huwa l-livell aċċettabbli. Se tiġi imposta loading fuq dawk il-vetturi li ma jilħqux dawn il-miri, kemm fir-reġistrazzjoni, kif ukoll fuq il-liċenzja annwali.

Se jibqa' jkun hemm taxxa minima għall-vetturi li ġew manifatturati f'perjodu ta' aktar minn ħames snin mid-data ta' reġistrazzjoni f'pajjiżna, u li ma joriġinawx mill-Unjoni

Ewropea jew pajjiżi fiż-Żona Ekonomika Ewropea, kif murija f'tabelli 5.2.

Meta niġu għall-liċenzja annwali, kif murija f'tabelli 5.3 sa 5.7, ir-rata se tkun ogħla minn dawk il-karozzi li nxtraw bis-sistema preċedenti u se jkunu marbuta mal-kategorija ta' emissjonijiet. Din tibqa' fissa fl-ewwel ħames snin, billi l-vettura tkun fl-aqwa stat tagħha. Imbagħad, se tiżdied gradwalment mis-sitt sena 'il quddiem.

Għall-karozzi li nxtraw mill-1 ta' Jannar tal-2008 sa l-aħħar ta' din is-sena se nagħtu l-għażla li jaqilbu għas-sistema l-ġdida. Kull rifużjoni dovuta fuq it-taxxa ta' reġistrazzjoni żejda tiġi kreditata kontra l-ħlas tal-liċenzji. Din ir-rifużjoni hija marbuta mal-karozza partikolari u mhix trasferibbli għal karozzi oħrajn.

Il-liċenzji tal-vetturi li diġà qegħdin fis-suq lokali se jinbidlu kif riflessi fuq tabelli 5.8 u 5.9. Tajjeb wieħed jiċċara li mis-seba' sena, il-liċenzja tibda togħla marġinalment biex tinkoraġġixxi l-bdil ta' vetturi qodma.

Permezz ta' dawn l-aġġustamenti se nkunu wkoll qed nieħdu l-passi sabiex meta karozza tiġi *scrapped*, l-iskart ikun riċiklat u trattat b'mod sostenibbli. F'pajjiżna jrid ikollna din il-faċilità sabiex jitħares l-ambjent. In-nefqa marbuta f'dan il-proċess hija kważi miljun ewro. Għal dan il-għan, ir-reviżjoni fil-ħlas tal-liċenzji, se jkun fiha parti li se tmur sabiex tiġi koperta l-ispiża ta' din l-operazzjoni marbuta mal-*end of life*.

Dawk il-persuni li jkunu ilhom aktar minn sentejn jaħdmu barra minn Malta, ikunu jistgħu jġibu lura l-vettura tagħhom

mingħajr ma jħallsu taxxa ta' reġistrazzjoni, sakemm il-vettura tkun reġistrata f'isimhom għal 24 xahar.

Se ngħollu wkoll il-liċenzji tal-vetturi kummerċjali. Għaldaqstant, il-liċenzja preżenti ta' €93.17 se togħla għal €185. Esklużi minn din iż-żieda huma l-karozzi tal-linja, *coaches*, *mini-buses*, iż-żwiemel tat-*trailers* u makkinarju ta' l-agrikoltura.

Bil-għan li nkomplu nindirizzaw il-problema tal-konġestjoni tat-traffiku, kif ukoll ngħinu aktar f'dak li għandu x'jaqsam ma emissjonijiet, se ninċentivaw ix-xiri ta' muturi b'ċilindraġġ baxx u medju billi nirrevedu r-reġistrazzjoni ta' dawn it-tip ta' vetturi. Żammejna l-istess prinċipju li użajna fil-karozzi u għaldaqstant minn din ir-reviżjoni, se jibbenefikaw dawk il-muturi li huma iżgħar u għalhekk aktar nodfa, skont tabella 5.10.

## Toroq

L-impenn tagħna favur toroq ġodda, isbaħ u ta' kwalità aħjar kien ċar fil-leġislatura li għaddiet. Bħalissa għaddejjin bit-tħejjijiet għal programm vast, ta' 'il fuq minn 100 miljun ewro, ta' xogħlijiet fit-toroq arterjali ta' Malta u Għawdex.

F'Settembru beda x-xogħol fuq 37 triq residenzjali f'10 lokalitajiet madwar Malta b'investiment ta' 1.3 miljun ewro. Dawn il-proġetti jkopru aktar minn 4,000 metru tul ta' toroq ġodda. Il-Gvern se jdaħħal testijiet ta' kwalità minn laboratorju indipendenti, qabel ma jsir il-ħlas finali lill-kuntratturi biex jassigura li ntlaħqet il-kwalità rikjesta.

Se jinbeda x-xogħol fuq il-*bypass* ta' Wied il-Għajn. Sa l-2012, iridu jitlestew fost l-oħrajn, Triq Valletta fiż-Żurrieq, Triq il-Kunsill ta' l-Ewropa u Triq Garibaldi f'Ħal Luqa, parti sostanzjali minn Triq il-Kosta f'Baħar iċ-Ċagħaq, *underpass* minn Triq Diċembru 13 sa ħdejn il-*Waterfront* tal-Belt, Triq mill-għolja ta' l-Għadira saċ-Ċirkewwa, u t-tkomplija ta' Triq Mġarr minn ħdejn il-*heliport* sar-Rabat, f'Għawdex.

Qed nevalwaw bidla mill-qiegħ fuq il-mod kif isir il-finanzjament tal-bini u manteniment tat-toroq. Qed nistudjaw mudelli ta' sħubija mal-privat fejn mhux biss jitqabbad jibni jew jirranġa triq iżda li jkollu wkoll ir-responsabbiltà li jżommha f'kundizzjoni tajba, inkluz il-marki miżbugħa u t-tabelli u s-sinjali tat-traffiku. Matul is-sena d-dieħla, se nkunu qed inħabbru l-konklużjonijiet ta' l-evalwazzjoni li qed issir bħalissa. Sadattant, il-Gvern qed jivvota s-somma ta' 29 miljun ewro biex ikompli l-programm ta' toroq arterjali kif ukoll residenzjali.

## L-Immaniġġjar tal-Iskart

L-għeluq tal-miżbliet tal-Magħtab u l-Qortin kienu fundamentali. Sar ħafna aktar xogħol minn dan fl-immaniggjar ta' l-iskart. Din is-sena bnejna aktar siti, magħrufa bħala *Civic Amenity sites* f'Ħal-Luqa u f'Għawdex fejn wieħed jista' jiddepożita skart goff riċiklabbli. Għamilna wkoll 300 *bring-in site* madwar Malta u Għawdex.

Bdejna l-iskema "Irriċikla t-Tlieta" li għandha parteċipazzjoni nkoraġġanti tal-pubbliku. Qed nieħdu ħsieb l-*engineered landfill* ta' l-Għallis, li anqas kemm jidħol skart fiha aktar iddum isservina. Għal dan il-għan, qed isiru wkoll sforzi biex

dak li jissejjaħ *Refuse Derived Fuel*, li jinkludi kull tip ta' skart bħal karta, kartun u plastik, jibda jittieħed mill-iskart li jidħol fil-*landfill* u jintuża biex jiġġenera energija elettrika.

Iżda dan mhux biżżejjed. Irridu nnaqqsu l-ammont ta' skart li sejjer fl-*engineered landfill* billi niżviluppaw faċilitajiet ġodda li jikkumplimentaw l-immodernizzar tal-impjant ta' Sant'Antnin. L-għan jibqa' li, apparti mill-fatt li nittrattaw l-iskart, nirkupraw l-enerġija kollha possibbli mill-materjal li jintrema.

Komplejna wkoll bix-xogħol fuq il-miżbla l-antika ta' Wied il-Għajn fejn, għalkemm din ingħalqet 30 sena ilu, il-gassijiet għadhom ħerġin. F'dan is-sit ukoll saru bjar apposta biex jinġabru dawn il-gassijiet. Dan l-istess sit qiegħed fil-proċess li jinbidel f'*family park*.

Sa l-aħħar ta' din is-sena se jkun komplut il-proġett tal-installazzjoni ta' l-impjant li se jitratta l-gassijiet. Dan il-proġett sewa 8.4 miljun ewro .

Servizz ieħor importanti huwa dak tat-*Thermal Treatment Facility*, li minn Diċembru '1 hawn beda jipprovdi servizz essenzjali ta' inċinerazzjoni għal pajjiżna. S'issa ġie inċinerat skart li jammonta għal total ta' aktar minn 3,000 tunnellata.

## Tisfija tad-Dranaġġ

Il-Gvern kompla bit-twettiq ta' diversi proġetti biex id-dranaġġ jissaffa qabel ma jintrema fil-baħar. Minn Settembru ta' din is-sena, beda jopera l-impjant għat-tisfija tad-dranaġġ fil-Mellieħa biex issa 20 fil-mija tad-dranaġġ ta' Malta m'għadux jintrema l-baħar qabel ma jissaffa.

Il-Gvern qed jaħdem ukoll fuq impjant ieħor tat-tisfija tad-dranaġġ f'Ta' Barkat, limiti tax-Xgħajra, b'investiment ta' madwar 58 miljun ewro. B'hekk id-dranaġġ kollu ta' pajjiżna jiġi msaffi qabel jispiċċa l-baħar.

## Emendi fl-Att dwar l-Eko Kontribuzzjoni

Il-Gvern se jkompli jieħu dawk il-miżuri kollha meħtieġa sabiex iħares l-ambjent waqt li jwettaq politika msejsa fuq il-prinċipju li min iħammeġ iħallas għal ħsara li jikkawża.

### Boroż tal-Plastik

Kulħadd jaf bil-ħsara ambjentali li jħallu l-basktijiet tal-plastik. Xi żmien ilu, daħħalna l-eko kontribuzzjoni fuq dawn il-basktijiet sabiex innaqqsu l-użu tagħhom. Minkejja l-isforzi kollha, l-użu tal-basktijiet baqa' mifrux, tant li f'sena waħda qed nikkunsmaw madwar 40 miljun baskett.

Għaldaqstant, irridu nagħtu sinjal ċar dwar il-bżonn li dawn il-basktijiet jitneħħew mis-suq. Se tiddaħħal eko kontribuzzjoni ta' 15-il ċenteżmu fuq kull baskett tal-plastik li jingħata mill-ħwienet. Se jkun obligatorju fuq kull ħanut f'pajjiżna li meta jagħti *carrying bag* tal-plastik, dan l-ammont irid jiddaħħal fl-irċevuta fiskali.

Mr. Speaker, il-Gvern ma jridx il-15-il ċenteżmu. Il-Gvern ma jridx l-użu tal-boroż li qed jagħmlu ħsara kbira lil saħħitna meta dawn isibu ruħhom fis-sistema ta' l-iskart f'pajjiżna.

### Materjal Stampat

Materjal stampat u mqassam b'mod massiċċ qed iwassal ukoll għall-ammont qawwi ta' skart. Għalhekk, se tiġi introdotta eko kontribuzzjoni ta' 1ċ għal kull 80g fuq *magazines* u fuljetti, għal skop purament kummerċjali u mqassmin fil-gazzetti, bieb bieb jew inkella mgħotija b'xejn meta aktar min-nofs il-kontenut tagħhom ikun jikkonsisti minn reklami jew messaġġi promozzjonali.

## L-Ambjent ta' Madwarna

Se nieħdu inizjattiva ta' *Carbon Offsetting* għas-settur pubbliku kollu bil-għan li ninċentivaw is-sostenibbiltà fl-operat tas-settur pubbliku u sabiex indaħħlu kuxjenza ambjentali. B'dawn it-tip ta' skemi, jista' jkun hemm rabta ma' skemi oħra fil-qasam ambjentali bħat-34U biex jiġi kumpensat il-ħsara ambjentali li tkun qed issir. Fl-istess waqt se ssir ħidma sabiex tinħoloq skema ta' *Carbon Offsetting* fuq bażi nazzjonali sabiex kulħadd ikollu l-opportunità li jikkontribwixxi b'mod tanġibbli lejn l-iżvilupp u l-ħarsien ta' ambjent sostenibbli f'pajjiżna.

Nixtieq insemmi ix-xogħol li qed isir biex pajjiżna jkompli jissebbaħ. Insemmi l-Park tas-Salini, il-Park Nazzjonali ta' Ta' Qali u t-tħawwil ta' madwar 50,000 siġra fl-aħħar sentejn taħt l-iskema 34U. Is-siti prinċipali li fihom thawwlu ammont kbir ta' siġar jinsabu f`Ta' Qali, il-Mellieħa, is-Salini, u Xrobb l-Għaġin. Qed inħarsu lejn siti oħra, bħal Delimara, biex inkomplu nestendu dan il-proġett.

F'dik li hi art pubblika, din għandha tintuża fl-aħjar interess tal-pajjiż. Dan jista' jseħħ b'żewġ modi: billi titħalla sabiex titgawda minn kulħadd u mhux tiġi kkapparrata b'mod abbużiv minn xi wħud, jew jekk għandha valur ekonomiku jiġi assigurat li dak il-valur jiġi massimizzat fl-interess nazzjonali. Għal dan il-għan, nidejna riforma f'dik li hi d-Diviżjoni tal-Artijiet tal-Gvern biex ikollna sistemi elettroniċi li jgħinu fil-kontroll u l-amministrazzjoni b'mod tajjeb fil-propjetà tiegħu.

## Liċenzji ta' Pixxini Privati u Kummerċjali

F'Malta hawn aktar minn 2,000 pixxina liċenzjata, b'kapaċità ta' madwar 137,000 metru kubu. Dawn il-pixxini jżidu d-domanda fuq l-ilma ħelu u l-elettriku. B'effett mill-1 ta' Jannar il-liċenzji ta' pixxini domestiċi u kummerċjali qed jiġu riveduti kif imsemmi fit-Tabella 5.10 hawn taħt.

Tabella 5.10: Liċenzji ta' Pixxini Privati u Kummerċjali

| | 2008<br>€ | 2009<br>€ |
|---|---|---|
| Miżata amministrattiva | 34.94 | 50.00 |
| | | |
| **Pixxini domestiċi** | | |
| Ilma ħelu | 2.33 | 4.00 |
| Ilma baħar | 58.23 | 100.00 |
| | | |
| **Pixxini kummerċjali** | | |
| Ilma ħelu | 3.49 | 6.00 |
| Ilma baħar | 349.41 | 600.00 |

## Servizzi Soċjali ta' l-Ogħla Kwalità

Mr. Speaker,

Dan il-Baġit jinċentiva l-ekonomija tagħna billi jinvesti fil-kapital li hemm bżonn, fi programmi u inċentivi għall-intrapriża tagħna, fit-taħriġ tal-ħaddiema tagħna, u fl-edukazzjoni ta' uliedna. Il-Gvern jemmen u kommess li dan l-investiment irid jilħaq lil kulħadd, b'attenzjoni partikolari lejn il-familji bit-tfal, l-anzjani, il-pensjonanti u dawk li għandhom l-aktar bżonn.

Is-sena li għaddiet ħabbarna investiment qawwi fil-familji li qed irabbu għax dawn il-familji għandhom ir-responsabbiltà tal-ġenerazzjonijiet ta' għada. Irriformajna ċ-*Children's Allowance* u żidna b'mod sostanzjali anke l-*allowance* għall-*fostering* u għat-tfal b'diżabilità. Żidna wkoll il-benefiċċju tal-*leave* tal-maternità minn 13 għal 14-il ġimgħa. Neħħejna l-*capping* ta' dħul minn xogħol biex pensjonant ma jitlifx il-pensjoni jekk jaħdem qabel ma jagħlaq il-65 sena.

Dan l-investiment qawwi fil-qasam soċjali, li għas-sena 2009 se jlaħħaq is-somma ta' biljun u tlieta u ħames miljun ewro se jibqa' jiġi sostnut f'dan il-Baġit. Il-Gvern kommess li l-qasam soċjali jibqa' fuq nett fl-aġenda tiegħu biex b'hekk ngħinu lil dawk li huma fil-bżonn u ma jifilħux l-aktar. Min-naħa l-oħra, il-Gvern se jkompli jiġġieled kwalunkwe tip ta' abbuż.

## Il-Benefiċċju ta' l-Enerġija

Mr. Speaker,

Il-Gvern jemmen li kulħadd għandu jkollu aċċess għall-enerġija u l-ilma. Dan qed nassigurawh b'investiment li jassigura l-provista tad-dawl u l-ilma, kif ukoll permezz tal-Benefiċċju ta' l-Enerġija lil madwar 30,000 familja. Fuq l-esperjenza ta' l-aħħar sentejn, il-mekkaniżmu kif jinħadem il-Benefiċċju ta' l-Enerġija se jiġi mtejjeb sabiex dawk il-familji li għandhom bżonn dan il-benefiċċju jkunu mgħejuna bl-aħjar mod possibbli.

Sa din is-sena, permezz ta' dan il-benefiċċju, dawn il-familji kienu qed jirċievu *voucher* li permezz tiegħu kien qed jitnaqqsilhom persentaġġ mill-kontijiet tad-dawl u l-ilma. Matul is-sena d-dieħla, dan il-*voucher* se jibqa' jinħareġ. Iżda se jingħata ammont massimu ta' €75 fuq il-konsum għal kull persuna intitolata. Dan minbarra l-ħlas tas-*service charge* għall-elettriku u l-ilma. Dan qed nagħmluh biex, filwaqt li nkomplu ngħinu lil dawn il-familji, ninċentivaw biex anke hawn ma jkollniex ħela f'dak li hu konsum.

## Persuni li Jirreġistraw għax-Xogħol

Il-Gvern jemmen li x-xogħol huwa l-mezz kif kulħadd jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' pajjiżna u għall-iżvilupp personali. L-għan tagħna jibqa' dejjem li kull min tassew jixtieq jaħdem ikollu kull opportunità ta' taħriġ biex isib ix-xogħol.

Is-soċjetà Maltija turi solidarjetà ma' min jitlef ix-xogħol anki bl-għajnuna li tingħata f'benefiċċji tal-qagħad. Fid-diskussjonijiet estensivi li kellna bi preparazzjoni għal dan il-Baġit, ħareġ ċar li l-poplu Malti jistenna li min qed jirċievi

benefiċċju għax mhux jaħdem għandu jagħti lura lis-soċjetà f'xogħol dak li jkun qed jieħu f'benefiċċji.

Mis-sena d-dieħla se nibdew inħaddmu skemi ġodda biex b'mod gradwali, dawk il-persuni li ilhom jirreġistraw għal aktar minn ħames snin, u li ma jkunux qed jagħmlu kors ta' taħriġ u li qed jirċievu benefiċċju, jibdew jagħmlu xogħol fil-komunità jew jgħinu f'xogħolijiet pubbliċi. L-idea hi li dawn jaħdmu għal 30 siegħa fil-ġimgħa u l-għajnuna soċjali tiżdidilhom għal 75 fil-mija tal-Paga Minima Nazzjonali. Din il-miżura importanti tagħmel ġustizzja mas-soċjetà li bit-taxxi tagħha qed tħallas il-benefiċċji tal-qagħad. Nemmnu wkoll li din l-iskema għandha tagħmilha iżjed diffiċli għal dawk il-persuni li jkunu qed jirreġistraw u jieħdu l-benefiċċju tal-qagħad u fl-istess ħin jagħmlu xogħol b'mod illegali.

## Pensjonijiet: Bażi Soda għall-Futur

Wara li fil-baġit tas-sena li għaddiet konna ħabbarna li l-pensjonanti kollha se jieħdu ż-żieda sħiħa li ngħatat għall-għoli tal-ħajja minflok iż-żewġ terzi bħalma kien jiġri fis-snin l-imgħoddija, il-Gvern iddeċieda li din il-miżura għandha tingħata wkoll għas-sena d-dieħla.

Din is-sena bdejna wkoll il-proċess li nindirizzaw l-anomalija tal-pensjonijiet tas-servizzi, fejn l-ewwel 466 ewro minn kull pensjoni tas-servizz ma baqgħux jiġu kkalkulati għal fini ta' *re-assessment* ta' kull pensjonant li jirċievi wkoll pensjoni tas-servizz. Madwar 4,350 pensjonant gawdew minn din il-miżura. Se nnaqqsu 200 ewro oħra għal din is-sena, bi spiża ta' 1.1 miljun ewro. B'din il-miżura, se jintlaqtu 5,900 pensjonant.

## Persuni b'Diżabilità

Matul l-2008, il-Gvern u l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità komplew bil-ħidma tagħhom, primarjament bl-implimentazzjoni tal-Liġi Opportunitajiet Indaqs.

Il-Kummissjoni kisbet fondi mill-Unjoni Ewropea biex tibni ċentru li għandu l-għan li joffri pariri u taħriġ f'apparat li persuni b'diżabilità jkollhom bżonn biex jgħixu ħajja aktar indipendenti inkluż biex huma jkunu jistgħu jsuqu.

Aktar minn hekk, il-KNPD tagħti għajnuna finanzjarja biex persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jixtru apparat li għandhom bżonn minħabba d-diżabilità tagħhom biex jgħixu ħajja indipendenti.

Il-Gvern qed jilqa' t-talba li saritlu minn ġenituri ta' tfal b'diżabilità sabiex jeżenta kompletament mit-taxxa tas-suċċessjoni persuni b'diżabilità li jirtu r-residenza ordinarja tagħhom meta dawn ikunu joqgħodu mal-ġenituri jew mal-kustodji tagħhom u li jitrasferixxulhom *causa mortis* dik ir-residenza.

Irrid ukoll infakkar fil-miżura li diġà ħabbart li l-Gvern se jibda jiffinanzja l-ħlas ta' *facilitators* għal tfal bi bżonnijiet speċjali li jattendu skejjel privati.

## Akkomodazzjoni Soċjali

Minn Ottubru tal-2007 sa Settembru ta' din is-sena, l-Awtorità tad-Djar investiet 3.2 miljun ewro f'diversi skemi li

tamministra u kompliet bil-programm ta' żvilupp ta' proġetti residenzjali. Matul din is-sena tlestew 215-il post u għaddej ix-xogħol fuq kostruzzjoni ta' 280 post ieħor. Fil-ġimgħat li ġejjin, se noħorġu madwar 150 post għall-bejgħ bi prezz sussidjat f'diversi lokalitajiet f'Malta u Għawdex.

L-Awtorità se tniedi skema li se tkun *means tested* u li biha se tħallas sa massimu ta' 30 fil-mija tal-*loan repayments* ta' kull xahar għal perjodu ta' 10 snin lil dawk il-koppji li jixtru l-ewwel dar tagħhom. Dan jinvolvi investiment massimu ta' 1.7miljun ewro. L-ammont allokat ikun jiddependi min-numru ta' membri fil-familja, id-dħul u l-assi tal-familja.

Proġett ieħor jikkonsisti fir-rinovazzjoni u t-tisbiħ ta' blokk residenzjali fil-Kottonera. Dan se jkun parti mill-iżvilupp urban fiż-żona lokali tal-Port il-Kbir.

## Ħarsien Soċjali

Matul din is-sena, il-Gvern permezz ta' l-Aġenzija Appoġġ, ħadem sabiex jikkonsolida s-servizzi li qegħdin jingħataw. L-Aġenzija Sedqa, flimkien ma' l-Aġenzija Appoġġ, bdiet toffri l-programm *Budz* lil diversi żgħażagħ li huma meqjusin li qegħdin fil-periklu.

Is-Sedqa ħadmet ma' madwar 350 kljient ġdid – u f'ħafna każi mal-familji tagħhom ukoll. Tħejjew programmi ġodda mis-Sedqa f'xi livelli ta' l-iskola primarja u wkoll post-sekondarji, u programmi ġodda ta' *parenting skills*.

L-Aġenzija Sapport qed toffri servizz ġdid għal 25 persuna b'diżabilità li spiċċaw mill-iskejjel speċjali f'livelli obligatorji.

Din l-aġenzija nediet ukoll servizz residenzjali ġdid ġewwa Dar Andrew f'Bormla għal 6 persuni b'diżabilità li dalwaqt se jospitaw l-ewwel residenti. Ġew estiżi ukoll is-servizzi individwalizzati fil-komunità minn 14 għal 95 persuna b'diżabilità.

Il-Gvern hu mpenjat li jkompli jagħti sostenn finanzjarju lill-aġenziji li jaħdmu f'dan il-qasam, u li l-investiment fuqhom fl-2009 se jilħaq 11-il miljun ewro.

## L-Anzjani

Il-Gvern japprezza r-rwol importanti u l-kontribut li l-anzjani jagħtu lis-soċjetà tagħna. Numru ta' miżuri li diġà semmejt, b'mod partikolari dawk marbuta maż-żieda sħiħa għall-għoli tal-ħajja u d-dritt li jibqgħu jaħdmu bla ma jitilfu l-pensjoni taw rikonoxximent xieraq lil dan.

Wegħda ewlenija li wettaqna matul din is-sena kienet il-ftuħ tad-Dar il-Madonna tal-Mellieħa ġewwa l-Mellieħa fejn hemm madwar 130 resident.

Għall-ewwel darba beda wkoll it-taħriġ f'Malta ta' 130 persuna fuq id-dimenzja. Bdejna kors għal 53 *carer* f'San Vinċenz de Paule. Dan il-kors ġie mfassal apposta biex jiġu aċċertati biżżejjed *carers* bħala appoġġ għan-*nurses*.

Fl-2009, il-Gvern se jniedi l-ewwel proġett ta' *night shelter* għall-anzjani fin-naħa t'isfel ta' Malta. Proġett li għalih qed jiġu allokati 100,000 ewro.

Il-proġett tas-swali fir-Residenza ta' San Vinċenz fil-blokka Ġwanni Pawlu II, jinsab fl-aħħar fażi tiegħu. Ix-xogħol miexi

b'ritmu tajjeb u se jkun lest għall-bidu tas-sena d-dieħla. Proġett li se jkun attrezzat biex jilqa' fih 144 resident u se jkun fih il-faċilitajiet kollha neċessarji. Għall-ewwel darba se jkun hemm żewġ swali mibnija u attrezzatti apposta għal persuni bid-dimenzja.

## Manutenzjoni fl-iSptar Karen Grech

Mr. Speaker, għall-2009 il-Gvern qed jalloka erba' miljun ewro għall-manutenzjoni fl-iSptar Karen Grech kif ukoll *upgrading* ta' ċertu servizzi essenzjali sabiex dan l-iSptar iservi ta' Sptar ta' Rijabilitazzjoni sakemm tinbena faċilità oħra. B'hekk, dan l-iSptar se jilqa' taħt saqaf wieħed dawk is-servizzi kollha ta' rijabilitazzjoni li sal-lum kienu mifruxa bejn Sptar Żammit Clapp u Sptar San Luqa. L-estensjoni ta' żewġt iswali oħra fil-kumpless St. Jeanne Antide f'Ħ'Attard, li jakkomodaw 64 resident ġdid, se tkun lesta fil-bidu tas-sena d-dieħla.

## **Saħħa Mentali**

Matul is-sena d-dieħla, se nkomplu nestendu s-servizz mill-iSptar Monte Karmeli għal servizzi fil-komunità. L-għan ewlieni ta' dawn is-servizzi huwa li l-pazjenti jingħataw dik l-għajnuna meħtieġa, biex b'hekk ikomplu jgħixu fil-komunità. L-għan aħħari tagħna hu li aktar nies bi problemi ta' saħħa mentali jibqgħu jgħixu fil-komunità. Numru ta' residenti rġiel li kienu ilhom rikoverati fl-iSptar Monte Carmeli għal snin twal, issa qed jgħixu f'*hostels* fil-komunità. Wara diskussjonijiet mar-Richmond Foundation u ma' l-iSptar Monte Karmeli, qegħdin fil-proċess li nidentifikaw aktar postijiet li jistgħu jintużaw bħala *hostels* għan-nisa.

## Is-Settur tas-Saħħa

Mr. Speaker, is-settur tas-Saħħa jibqa' prijorità għal dan il-Gvern. Il-miri ewlenin huma:

1. Li nibqgħu nżommu s-servizzi u l-kura li tingħata aġġornata ma' l-aqwa żviluppi li jseħħu f'dan il-qasam; u

2. Li pajjiżna jorganizza r-riżorsi kbar li jintefqu f'dan il-qasam biex għal dak li nonfqu fuq is-saħħa mit-taxxa li tinġabar il-poplu Malti jkollu l-aqwa servizzi.

Xejn ma jiġi mix-xejn. Is-servizzi tas-saħħa f'pajjiżna jingħata bla ħlas għax huma mħallsin mit-taxxi. Pajjiżna ma jkunx f'pożizzjoni li jingħataw servizzi ġodda jew mediċini ġodda jekk ma jkunx hemm il-finanzjament għalihom. In-nefqa fis-settur tas-Saħħa se jiżdied b'39 miljun ewro għal 284 miljun matul is-sena li ġejja. Huwa għalhekk li b'għaqal kbir pajjiżna għandu jassigura li kull ewro li nonfqu fuq is-servizzi tas-saħħa jkun qed jintefaq tajjeb, b'effiċjenza u bla ebda ħela jew abbuż. B'hekk biss nassiguraw is-sostenibbiltà tas-servizzi tas-saħħa pubbliċi.

Għalhekk, il-Gvern alloka s-somma ta' nofs miljun biex jiġu ngaġġati numru ta' *Cost Controllers* u professjonisti biex nindirizzaw l-użu tar-riżorsi disponibbli u nintroduċu kontrolli aħjar biex b'hekk inkunu nistgħu nkomplu nespandu s-servizzi tas-saħħa mingħajr ma ndaħħlu lill-poplu Malti f'piżijiet ġodda.

Leġislatura wara l-oħra investejna biex pajjiżna joffri l-aqwa kwalità lill-pazjenti tiegħu. Biex l-iSptar Mater Dei jibqa' *state-of-the-art*, irridu nkomplu ninvestu fih. Eżempju prattiku huwa dak tal-*PET scanning service*, li jippermetti titjib fil-kura tal-kanċer. Fil-preżent, il-pazjenti qed ikollhom imorru barra minn Malta għal din l-iscan. Saret talba biex dan il-*PET scan*, b'valur ta' ħames miljun ewro, ikun finanzjat mill-Gvern Svizzeru.

Se jinbena wkoll Ċentru Speċjalizzat ta' l-Onkoloġija ġdid, liema proġett għandu jiswa madwar 24 miljun ewro, u fejn erba' miljun ewro qed jiġu allokati għal din is-sena.

### Bidla fis-Sisa fuq ix-Xorb Alkoħoliku

Il-Gvern huwa kommess li jibqa' jaħdem kontra l-abbuż mill-alkohol. Għandna liġijiet tajbin f'dan il-qasam u se nesiġu u naraw li dawn il-liġijiet tagħna jiġu nfurzati kollha, b'mod sod u regolari. Iżda, sfortunatament, f'dan is-settur żdied il-kuntrabandu u l-importazzjoni ta' xorb alkoħoliku mingħajr il-ħlas tas-sisa. Dan, għaliex f'Malta għandna rata ta' sisa li hija ferm ogħla minn dik ta' pajjiżi qrib tagħna li qed. tinċentiva n-negozju llegali u l-evażjoni fiskali. Għaldaqstant, ittieħdet id-deċiżjoni li b'mod immedjat ir-rati tas-sisa fuq ix-xorb alkoħoliku jiġu aġġustati kif muri fit-tabella 6.1 sabiex:

1. Inneħħu l-inċentiv għall-importazzjoni llegali ta' xorb alkoħoliku mhux ikkontrollat; u

2. Nipproteġu lill-intrapriżi tagħna mill-prattiċi abbużivi fis-suq u nħarsu l-impjiegi tal-ħaddiema li jaħdmu magħhom.

Fuq l-istess linji, f'dawk l-oqsma fejn ir-rati tas-sisa huma baxxi meta mqabbla ma' ta' pajjiżi oħra, se nżidu r-rati tas-sisa tagħna b'effett immedjat. Se nżidu s-sisa fuq l-*alcopops* u xarbiet oħra simili li huma mmirati għaż-żgħażagħ.

L-aġġustament fir-rati se jidħol fis-seħħ kif ġej:

1. B'effett immedjat fil-każ tar-rati tas-sisa fuq l-*alcopops* u l-*intermediate products*; u

2. Mill-bidu ta' Jannar 2009, fil-każ tar-rati tas-sisa fuq l-ispirti.

Qegħdin nieħdu din il-miżura fl-aħjar interess tas-soċjetà tagħna. L-intenzjonijiet tagħna jibqgħu li nnaqqsu l-konsum eċċessiv tal-alkoħol. Se nieħdu żewġ miżuri oħra importanti ħafna. L-ewwel, se nieħdu passi sabiex ngħollu l-età legali għall-konsum tax-xorb alkoħoliku minn 16-il sena għal 17-il sena. It-tieni, se nagħtu ħarsa mill-qrib lejn il-metodi ta' kif nistgħu ntejbu bil-kbir l-infurzar tal-liġijiet f'dan il-qasam. Se nagħmlu dan b'konsultazzjoni sħiħa ma' dawk kollha li b'xi mod jew ieħor qegħdin jaħdmu jew li huma interessati f'dan il-qasam. Għalhekk qegħdin, ukoll, nivvutaw is-somma ta' 100,000 ewro sabiex niffaċilitaw dan il-proċess. Iżda fuq kollox se nżidu r-riżorsi u l-isforzi sabiex nedukaw lill-poplu u, speċjalment liż-żgħażagħ, dwar il-ħsara li jagħmel il-konsum eċċessiv.

Tabella 6.1: Sisa fuq ix-Xorb Alkoħoliku

| Prodott | 2008 | 2009 |
|---|---|---|
| Ethyl alcohol - spirti | €0.23c f'kull % vol. kull litru | €0.14c f'kull % vol. kull litru |
| Prodotti intermedji (vermouth eċċ.)<br><br>(b'aktar minn *1.2% volum, imma mhux aktar minn* 22%) | €46.59 kull ettolitru | €150.00 kull ettolitru |
| Xorb b'togħma ta' spirtu b'kontenut alkoħoliku ta' aktar minn 1.2% iżda mhux aktar minn 7%, magħrufa bħala alco pops<br><br>(b'aktar minn *1.2% volum, imma mhux aktar minn* 22%) | €0.23c f'kull % vol. kull litru | €0.40c f'kull % vol. kull litru |

## Żieda fis-Sisa fuq Tabakk u Sigaretti

Aħna konna minn ta' quddiem fost il-pajjiżi ta' l-Unjoni Ewropea li lleġiżlajna kontra t-tipjip fil-pubbliku. Jidher ċar li kien pass għaqli.

Din is-sena wkoll, il-Gvern ikkunsidra l-ħtieġa li jċaqlaq aktar id-dazju tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk fosthom is-sigaretti u s-sigarri. B'hekk, b'effett immedjat, se jsir aġġustament fir-rati tad-dazju tas-sisa fuq tabakk u sigaretti b'żieda ta' 20 ċenteżmu.

## Kura Primarja

Wara li tajna lill-pajjiż sptar mill-aqwa u li għammarnih bir-riżorsi, umani u mediċi, li jixraqlu, ħarsitna issa ddur lejn il-kura tas-saħħa primarja, li wkoll għandha rwol importanti x'tilgħab fis-soċjetà tagħna.

Għal dan il-għan, waqqafna *taskforce* sabiex jevalwa u jistudja l-proċess għall-ħolqien ta' reġistrazzjoni tal-pazjenti bl-involviment tat-tobba tal-familja li jeżistu f'kull belt u raħal. Irridu nibnu fuq dak li jeżisti f'dan il-qasam, u mhux nimmultipplikaw. Konvinti li b'rieda tajba nsibu soluzzjonijiet ta' fejda għall-familji tagħna.

Fil-qafas ta' servizzi ta' saħħa primarja offruti miċ-Ċentri tas-Saħħa u l-Bereġ imxerrdin madwar pajjiżna, kien essenzjali li nwaqqfu ċentru ta' kordinament għall-kura fil-komunità, il-*Commcare*. Fl-istess waqt, internament saħħaħna l-kontroll tas-servizzi u l-kura offruti lill-pazjenti fil-komunità.

Il-Gvern irid jibni fuq servizzi b'bażi soda u integrati, filwaqt li l-pazjent igawdi minn xibka ta' kura. Dan inaqqas ukoll il-piż żejjed fuq l-iSptar Mater Dei għax b'hekk jibda jaqdi l-funzjoni vera tiegħu, dik ta' sptar akut. Kura tajba fil-kommunità twassal ukoll għal żblokk ta' ħafna sodod fl-isptar.

## Breast Screening

Il-Gvern lesta pjan ta' azzjoni biex jiġi mniedi programm ta' *breast screening* għan-nisa Maltin u Għawdxin skond kriterji dwar *Quality Assurance* kif stabbiliti mill-Unjoni Ewropea. Hu maħsub li fl-ewwel tliet snin jiġu mistiedna nisa ta' bejn il-50 u d-59 sena, iżda mhux eskluż li aktar 'il quddiem il-Programm jiġi estiż biex jinkludi medda ta' età aktar wiesgħa.

Sadanittant, qed jiġi finalizzat ukoll Pjan Nazzjonali fuq il-Kanċer. Dan il-pjan qed jieħu in kunsiderazzjoni l-problema tal-kanċer b'mod ħolistiku u jitratta proċess wiesgħa: mill-prevenzjoni, għad-dijanjożi, kif ukoll l-aspetti tal-kura kollha involuta.

## Drittijiet tal-Pazjenti

Irridu nirriformaw il-formolarju tal-mediċini bil-għan li jkollna listi ġodda u aktar attwali ta' x'għandu bżonn il-poplu Malti. Fl-istess ħin, bi ħsiebna nwettqu r-ristrutturar meħtieġ biex tiżdied l-effiċjenza fejn jidħol ix-xiri min-naħa tal-Gvern ta' mediċini u materjal, kif ukoll id-distribuzzjoni tagħhom.

Huwa f'dan il-kuntest li l-Gvern se jinvesti 1.4 miljun ewro fis-sena biex tibda tingħata b'xejn il-*Herceptine* lil dawk in-nisa li jistgħu jibbenefikaw minn din il-kura għall-marda tal-kanċer tas-sider. Minbarra il-*Herceptine*, il-Gvern qed iwaqqaf sistema trasparenti biex jiddaħħlu aktar mediċini innovattivi li hemm l-evidenza li huma effettivi b'xejn. Din il-miżura wkoll se tgħin b'mod partikolari lil dawk li jbatu mill-kanċer.

## Bank tad-Demm

Iċ-Ċentru Nazzjonali għat-Transfużjoni tad-Demm ikun skont l-ogħla standards Ewropej. Diġà ħriġna s-sejħa għall-offerti biex jibda x-xogħol ta' titjib u li għandu jiswa mal-2.5 miljun ewro.

Intant, qed naħdmu biex nimplimentaw sistema finanzjarja u operattiva biex din l-istruttura tkun awtonoma. Dan għandu jwassal biex iċ-ċentru nazzjonali jitmexxa fuq linji ċari ta' kontabilità li permezz tagħhom l-operaturi kollha fil-qasam tas-saħħa jirrealizzaw kemm huma prezzjużi d-demm u l-prodotti li jittieħdu minnhom.

## Għawdex

Mr. Speaker,

Fil-kuntest tal-Viżjoni 2015, l-attenzjoni lejn Għawdex – bil-bżonnijiet partikolari tiegħu – tibqa' fattur determinanti. Għawdex, mal-kumplament tal-pajjiż, qed ikompli jimxi b'pass mgħaġġel fl-iżvilupp tiegħu u fil-qabża' 'l fuq fil-kwalità tal-ħajja.

Dan il-progress huwa frott ukoll ta' żvilupp infrastrutturali kif ukoll ta' investimenti soċjali sostanzjali. In-nefqa fuq proġetti kapitali matul din is-sena, qabżet is-sitt miljun ewro.

Il-Gvern jifhem ukoll li r-realtà f'Għawdex m'hijiex estensjoni ta' dik ta' Malta. Hemm oqsma li għal raġunijiet varji, jirrikjedu attenzjoni speċjali, forsi aktar minn Malta. Nibqgħu nsostnu li fejn jidħol il-qasam tax-xogħol, irridu nagħmlu sforzi dejjem akbar biex f'dil-gżira, l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ tagħna, u għal kulħadd, jiżdiedu. Is-sena d-dieħla, il-Malta Enterprise u l-Ministeru għal Għawdex se joħolqu flimkien pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni ta' Għawdex għall-investiment u l-ħolqien ta' l-impjiegi. Fit-turiżmu, se nibqgħu naraw x'azzjonijiet nistgħu nieħdu biex il-gżira tibqa' tirreġistra progress, partikolarment fix-xhur kwieti bejn il-ħarifa u r-rebbiegħa.

Il-Gvern għamel impenn importanti u ambizzjuż mal-gżira t'Għawdex: sas-sena 2015, jagħmel minnha gżira ekoloġika – mudell ta' żvilupp sostenibbli.

F'Lulju li għadda nedejna programm ta' konsultazzjoni pubblika biex l-istrateġija għat-twettiq tal-viżjoni Eko-Għawdex tkun tabilħaqq ibbażata fuq l-aspirazzjonijiet u l-viżjoni ta' kulħadd. Ir-rispons tal-pubbliku kien ta' kuraġġ kbir.

L-ewwel proġett li se jniedi l-Gvern fil-kuntest tal-gżira ekoloġika huwa wieħed bażilari għal dan il-kunċett: it-trasformazzjoni radikali tas-settur tat-trasport pubbliku f'Għawdex biex ikun b'mod li jkun alternattiva realistika u vijabbli għall-karozza privata. Servizz komdu, effiċjenti, utli u ċċentrat fuq il-bżonnijiet tal-klijent. Irridu servizz li se jaqdi l-bżonnijiet tar-residenti Għawdxin li llum għandhom servizz ta' trasport pubbliku fqir ħafna, u li t-turisti f'Għawdex ikollhom l-opportunità ta' servizz li jgħinhom igawdu l-isbuħija ta' dil-gżira bl-aktar mod komdu possibbli, bl-akbar aċċessibbiltà, u tinkludi karozzi li jniġġsu mill-anqas possibbli.

L-inizjattivi ambjentali f'Għawdex, partikolarment marbuta mal-kunċett ta' gżira ekoloġika, se jinkludu kampanji edukattivi, miżuri għall-protezzjoni tar-riżorsi naturali, introduzzjoni ta' prattiċi u teknoloġiji li jnaqqsu l-konsum tal-elettriku fi propjetà pubblika, u l-immaniggjar ta' siti ta' valur naturali.

Din is-sena wettaqna numru ta' proġetti u ħadna diversi inizjattivi bil-għan li Għawdex ikompli jimxi 'l quddiem.

Fl-edukazzjoni lestejna l-ewwel fażi tal-bini mill-ġdid tal-Kumpless ta' Liċeo Ninu Cremona u tajna bidu għat-tieni fażi ta' xogħlijiet konnessi ma' dan il-proġett. Tkompla l-bini tal-

Kumpless għall-*Adult Training Centre* ġdid fir-Rabat, u tlesta l-bini tat-*Training Hotel* fil-Qala biex tħarreġ il-ħaddiema fl-industrija tat-Turiżmu. Lestejna l-bini tat-*terminal* għall-passiġġieri fil-port tal-Imġarr. Saru xogħlijiet fuq numru ta' toroq f'diversi lokalitajiet, u ħarġu l-permessi meħtieġa għall-faċilitajiet ta' rmiġġ għall-*cruise liners* fix-Xlendi.

Mr. Speaker, nemmnu li l-attività ekonomika f'Għawdex għandha titkattar b'mod sostenibbli, u li din il-gżira għandha tkun aktar aċċessibbli għat-titjib mil-lat turistiku. Se nkomplu nsaħħu s-servizzi tal-biedja, inkluż il-promozzjoni ta' agrikoltura organika, u tas-sajd. Se nassiguraw li jingħataw servizzi mill-aqwa fl-oqsma tas-saħħa, l-edukazzjoni, kif ukoll fl-infrastruttura.

Se nibnu mill-ġdid parti mit-triq tax-Xlendi u t-triq li twassal għas-Santwarju Ta' Pinu, filwaqt li se nkomplu l-ħidma fuq it-triq li tagħti mill-Imġarr għar-Rabat. Fl-Isptar Ġenerali, se nwaqqfu taqsima ġdida tar-Radjoloġija u se nirristrutturaw it-tieni sala ta' l-operazzjonijiet b'tagħmir ġdid u modern. Il-ġonna ta' Villa Rundle se jiġu riabilitati.

Eko-Għawdex m'hijiex *slogan* bla bażi. Hija minjiera ta' potenzjal li għandha tgħin biex jiġu integrati l-isforzi ta' kulħadd biex inkomplu ntejbu l-qagħda ekonomika, soċjali, ambjentali u kulturali ta' din il-gżira.

## Konklużjoni

Mr Speaker,

Il-baġit huwa għodda fundamentali biex nindirizzaw lill-pajjiż f'direzzjoni strateġika. Id-direzzjoni strateġika li għażilna hija żvilupp sostenibbli. Għalhekk qed ninvestu fin-nies. Fl-edukazzjoni. Fit-taħriġ. F'ambjent aktar nadif.

Biex wasalna għal dan il-Baġit, ħarisna madwarna. Iva, ħarisna lejn il-kriżi finanzjarja internazzjonali, ħarisna lejn l-iżviluppi xejn pożittivi ta' x'qed jipprevedu l-pajjiżi ta' madwarna f'termini ta' tkabbir ekonomiku u telf ta' impjiegi. Irridu jew ma rridux, dawn huma realtajiet li se jħallu impatt fuq pajjiżna. Kemm jekk hu turiżmu, jekk hi esportazzjoni, u kemm jekk hu investiment. Inkunu qed nilludu ruħna jekk naħsbu li dak li qed iseħħ fid-dinja ta' madwarna mhux se jaffettwana.

Mr. Speaker, ħarisna wkoll lejn x'għandna. Ir-riżorsa ewlenija tagħna hija l-poplu tagħna. Il-ħaddiem Malti huwa persuna flessibbli, kapaċi, kreattiv u produttiv. Għandna wkoll vantaġġi oħra frott id-deċiżjonijiet għaqlin li ħadna. Fost l-oħrajn, sħubija fl-Unjoni Ewropea u l-munita ewro, li huma żewġ deċiżjonijiet responsabbli li permezz tagħhom qed jirnexxilna nilqgħu għall-isfidi, u li qed jagħtuna l-mezzi neċessarji biex inwettqu dak li qed nippreżentaw illejla.

Iżda fuq kollox, ħarisna lejn fejn irridu nwasslu 'l pajjiżna. Viżjoni 2015. Viżjoni ta' żvilupp sostenibbli li jiggarantixxi kwalità ta' ħajja mill-isbaħ u li tixraq lil kull membru tal-poplu tagħna.

Iva, minkejja li ninsabu fi żmien daqshekk diffiċli, xorta qed inħarsu 'l quddiem b'fiduċja kbira. Identifikajna dawk l-għodda li pajjiżna għandu bżonn biex tassew jilħaq il-mira li jsir ċentru ta' eċċellenza fl-oqsma, tal-edukazzjoni, fis-saħħa, fis-servizzi finanzjarji, fil-manifattura b'valur miżjud, fit-teknoloġija tal-informatika, u fit-turiżmu. U fid-dawl ta' dan għamilna l-għażliet responsabbli tagħna.

Biex dan ikun possibbli:

- illum qed ninvestu 322 miljun fi proġetti kapitali għax irridu pajjiż b'infrastruttura aktar b'saħħitha;
- illum qed ninvestu 112 miljun għax irridu pajjiż b'ambjent aktar nadif, li jagħmel anqas ħsara għal saħħitna u li jkollu dehra isbaħ, għalina u għal min iżurna;
- illum qed ninvestu 30 miljun sabiex ninċentivaw użu aktar effiċjenti tal-enerġija u investiment f'enerġija minn sorsi alternattivi;
- illum qed ninvestu 64 miljun għax irridu nkomplu ninċentivaw lill-industrija tagħna biex tkompli tikber u tespandi;
- illum qed ninvestu 362 miljun għax irridu pajjiż li joffri poplu b'livell ta' edukazzjoni u taħriġ mill-aqwa; u
- illum qed nitfgħu 98 miljun fi bwiet tal-familji tagħna sabiex inkomplu nagħmlulhom kuraġġ u ntejbulhom il-livell tal-għixien tagħhom.

Mr. Speaker, b'dan il-Baġit irridu nagħtu messaġġ ċar u direzzjoni soda lill-pajjiż.

Messaġġ ta' fiduċja. Iva, il-mewġ, id-diffikultajiet, hemm qegħdin. Inkunu irresponsabbli jekk ninjorawhom. Iżda l-Gvern se jibqa' kenn għall-familji tagħna u għall-industrija biex jinċentivahom u biex flimkien, inkomplu nagħmlu minn pajjiżna storja ta' suċċess.

Mr. Speaker, inressaq quddiem il-Kamra dan il-Baġit, li konvint se jservi ta' bażi soda sabiex pajjiżna jkompli jibni fuq dak li kiseb.

Qed nagħmlu l-għażliet responsabbli, gwidati mill-valur tas-solidarjetà, biex niggarantixxu żvilupp sostenibbli.

# Appendiċi A

## Il-Qagħda Finanzjarja Matul l-2008

Għar-rigward tad-Dħul, fil-waqt li mit-taxxi din is-sena ser inkunu żammejna mal-mira tad-dħul, se nirrekordjaw dħul aktar mis-sena l-oħra ta' 142 miljun ewro. Dan hu frott ta' l-impjiegi dejjem jiżdiedu, pagi aħjar u żvilupp qawwi fil-kummerċ. Minn dħul ieħor se nkunu naqqasna ammont ta' 28 miljun ewro minn dak oriġinarjament previst għal din is-sena, iżda 18-il miljun ewro aktar mis-sena l-oħra.

Fir-rigward ta' l-infieq, l-ispiża kapitali ma varjatx għajr fuq proġetti li għadhom fil-bidu tagħhom u li huma ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. Iżda, kif previst, prinċipalment il-ftuħ ta' l-iSptar il-Ġdid, Mater Dei, u l-investment marbut mat-tmexxija ta' l-iskejjel, ġabu magħhom żieda sostanzjali fin-nefqa rikurrenti, kemm meta pparagunata ma' dak li kien previst fil-bidu tas-sena kif ukoll meta wieħed iqabbel l-ammont għal din is-sena ma' dak tas-sena li għaddiet.

Il-pagi żdiedu b'29 miljun ewro fuq l-ammont approvat għal din is-sena u 31 miljun ewro meta wieħed jipparaguna l-2008 ma' l-2007, grazzi għal kundizzjonijiet dejjem jitjiebu fl-impjiegi pubbliċi. Anke l-ispejjeż ta' manutenzjoni u operat żdiedu għax il-Gvern huwa konxju li nuqqas ta' fondi f'dan il-qasam hu ekonomija ta' żmien qasir għax, jekk wieħed jittraskura jew jitratieni f'dan il-qasam, jispiċċa, fl-aħħar mill-aħħar ikollu mbagħad jixtri l-ġdid.

Hawn, għalhekk, il-Gvern nefaq 5 miljun ewro aktar minn dak previst u 12-il miljun ewro aktar mis-sena l-oħra.

S'intendi, l-akbar varjazzjoni nsibuha fil-Programmi u Inizjattivi, fejn insibu l-Pensjonijiet u l-Beneficcji Soċjali u sussidji għal min ikollu bżonn sostenn, bħall-biedja, l-istudenti u servizzi pubbliċi. Dawn żdiedu b'116-il miljun ewro mill-ammont prevvist għal din is-sena, u b'174 miljun ewro mill-ammont minfuq fl-2007, fiż-żewġ każijiet inklużi l-100 miljun ewro għall-ħaddiema tal-*Malta Shipyards Ltd* u għall-Korporazzjoni Enemalta, flok *surcharge* ogħla, kawża tal-prezzijiet għoljin tal-prodotti għall-enerġija.

Għall-kontribuzzjonijiet lill-entitajiet pubbliċi, il-Gvern nefaq 5 miljun ewro aktar mill-ammont approvat oriġinarjament u 9 miljun ewro aktar mis-sena l-oħra, prinċipalment fil-qasam tas-saħħa sabiex filwaqt li l-iSptar Mater Dei qed iservi biex jiġu ndirizzati interventi mediċi, il-konvalixxenza issir fl-iSptar Karen Grech li qiegħed ukoll jikkumplimenta l-ħtiġijiet ta' l-iSptar Żammit Clapp.

Fl-aħħarnett, l-imgħaxijiet fuq id-dejn pubbliku, li jservi biex jiffinanzja l-iżbilanċ baġitarju minn sena għall-oħra, fosthom l-avveniment tas-sussidju flok *surcharge* għoli u l-iskemi mnidija favur il-ħaddiema tal-*Malta Shipyards Ltd*, tela' b'4 miljuni fuq l-ammont previst għal din is-sena u b'7 miljun ewro meta paragunati l-ammonti tas-sentejn 2007 u 2008.

Dettalji tal-varjazzjonijiet tal-elementi varji ta' dħul u nfiq bejn l-estimi oriġinali u dawk riveduti għas-sena 2008 jinsabu fl-i*Statements* t'hawn taħt.

## Il-Qagħda Finanzjarja fl-2009

